**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 91**
**L-Erbgħa, 22 ta' Frar, 2023 fl-4:00 p.m.**

**CDAU – EARLY INTERVENTIONS**

**5159. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4199, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'qed isir minħabba nuqqas ta' riżorsi fiċ-Child Development Assessment Unit (CDAU), speċjalment fejn jidħlu early interventions?

12/01/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari numru 4204.

Seduta 91
22/02/2023

**PSYCHOLOGICAL REPORT LILL-ĠENITURI**

**5160. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 4200, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid xi kemm idum biex jingħata l-psychological report lill-ġenituri biex dawn jaraw jekk uliedhom hux se jkollhom għajnuna ta' LSE jew jekk hux se jkun LSE shared jew one-to-one? Jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex konxju minn dan id-dewmien esaġerat u jekk iva, x'qed isir?

12/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4190.

Seduta 91
22/02/2023

**HEALTHCARE PROFESSIONALS SPEĊJALIZZATI FUQ DIŻABILITAJIET KOMUNI**

**5256. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm healthcare professionals speċjalizzati fuq diżabiltajiet komuni?

16/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Aġenzija Sapport hija Aġenzija speċjalizzata fuq il-qasam soċjali tal-persuni b'diżabilità u għalhekk tħaddem numru ta' Occupational u Speech Therapists. Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat dwar dak li għandu x'jaqsam mal-aspett mediku.

Seduta 91
22/02/2023

**HEALTHCARE PROFESSIONALS SPEĊJALIZZATI FUQ ACQUIRED DISABILITIES**

**5257. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm healthcare professionals speċjalizzati fuq acquired disabilities bħall-kundizzjonijiet tal-Fibromyalgia, Parkinson's u ALS fost oħrajn?

16/01/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5256.

Seduta 91
22/02/2023

**KOPJA TA' KUNTRATT TA' PERSUNA**

**5258. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, inkluż dokumenti addizzjonali għall-kuntratt, jindika x'perkaċċi, benefiċċji, allowances u salarji ħadet tul dawn l-aħħar ħames snin u jipprovdi wkoll kopja tal-assenjazzjoni jew kuntratt tagħha mal-aġenzija Infrastruttura Malta, inkluż il-grad tagħha?

16/01/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna indikata ġiet assenjata r-role ta' Senior Manager fi ħdan Infrastructure Malta minn Settemberu 2022. Il-kuntratt tagħha huwa simili għal dak li l-istess persuna kellha fl-entità oriġinarja.

Seduta 91
22/02/2023

**KOPJA TA' KUNTRATT TA' PERSUNA**

**5259. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt tal-impjieg tal-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, inkluż dokumenti addizzjonali għall-kuntratt, tindika x'perkaċċi, benefiċċji, allowances u salarji ħadet tul dawn l-aħħar ħames snin u tipprovdi wkoll kopja tal-assenjazzjoni jew kuntratt tagħha mal-aġenzija Infrastruttura Malta, inkluż il-grad tagħha?

16/01/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li l-persuna li rrefera għaliha separatament kellha mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Fi tmiem dan il-kuntratt din il-persuna waqgħet fuq il-grad ta' Managing Professional u sussegwentement bdiet taqdi dmirijiet ma' Infrastracture Malta taħt "loan agreement". Dan il-ftehim, li qed inpoġġih ukoll fuq il-Mejda tal-Kamra, jipprovdi biex il-persuna tieħu leave mingħajr ħlas mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sakemm iddum taqdi dmirijietha ma' Infrastructure Malta.

Fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt li l-persuna għandha ma' Infrastructure Malta, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex iressaq il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL - FIRE DRILLS**

**5825. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5119, jista' l-Ministru jagħti l-ismijiet tal-iskejjel li għamlu dawn il-fire drills?

30/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL - AED MHUX FUNZJONABBLI**

**5826. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 4941 u 5096 u jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il AED hemm li mhux funzjonabbli fl-iskejjel?

30/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL LI MA GĦANDHOMX SERVIZZ TA' LIFT JEW TURĠIEN TA' EMERĠENZA F'KAŻ TA' NIRIEN**

**5827. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentar 4944 u 5120 u jaġġorna lill-Kamra u jgħid kemm-il skola m'għandhiex is-servizz tal-lift u turġien ta' emerġenza f'każ ta' nirien? Jista' jagħti din l-informazzjoni mhux għall-iskola b'mod ġenerali iżda anke kull blokka fejn hu relevanti?

30/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-iskejjel kollha li nbnew mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) mis-sena 2013 'il quddiem huma kollha konformi mar-regolamenti.
Minbarra hekk, jien infurmat li minn 109 skejjel, 21 m'għandhomx servizz ta' lift u 25 m'għandhomx turġien ta' emerġenza. Minkejja dan, diġà jinsabu għaddejjin diskussjonijiet mal-istess entità biex jittieħdu l-passi neċessarji ħalli kull skola tkun mgħammra b'servizz ta' lift u/jew taraġ ta' emerġenza, fejn meħtieġ u possibbli.

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL TAL-ISTAT, TAL-KNISJA U INDIPENDENTI – RISK ASSESSMENT**

**5852. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' kemm skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti għandhom risk assessment validu, qegħdin fil-proċess li jġeddu l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u qegħdin taħt investigazzjoni mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) għal xi raġuni?

31/01/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-OHSA m'għandux l-irwol li jżomm tali records u li fil-preżent hemm żewġ skejjel, waħda tal-Istat u l-oħra privata, li qegħdin taħt investigazzjoni mill-OHSA.

*(Korrezzjoni: Ara dokument PL 1397, li tpoġġa fuq il-Mejda fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 92 tat-Tnejn, 27 ta' Frar 2023)*

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL TAL-ISTAT, TAL-KNISJA U INDIPENDENTI – RISK ASSESSMENT**

**5853. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista ta' kemm skejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti għandhom risk assessment validu, qegħdin fil-proċess li jġeddu l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u qegħdin taħt investigazzjoni mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) għal xi raġuni?

31/01/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn 112-il binja li jaqgħu taħt l-iskejjel tal-Istat, 77 għandhom Risk Assessment validu, filwaqt li l-35 binja l-oħra qegħdin fil-proċess li jġeddu l-valutazzjoni. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li m'hemm l-ebda binja li tinsab taħt investigazzjoni mill-OHSA.
L-informazzjoni mitluba rigward skejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti ma taqax taħt ir-responsabbilta tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

Seduta 91
22/02/2023

**WORK TIME REGULATIONS – LEAVE ANNWALI GĦALL-IMPJEGATI**

**5854. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tabulata ta' dritt għal leave annwali għall-impjegati, skont id-direttivi tal-Unjoni Ewropea u l-Liġi Maltija, imqassma mill-Ordni dwar il-"Work Time Regulations"?

31/01/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**RABAT – TRIQ IL-BELT VALLETTA – DAWL MITFI**

**5896. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega għaliex għal ġimgħat sħaħ id-dawl fi Triq il-Belt Valletta, ir-Rabat, ma kienx qed jixgħel u għaliex dan id-dewmien?

01/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 5896 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – ĦLAS TA' PAGI**

**5897. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex ma tħallsux il-pagi sħaħ f'Jannar lill-istaff tal-Isptar Mount Carmel u meta ser jitħallsu?

01/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi waqt li l-pagi tal-ħaddiema kollha tħallsu fil-ħin, il-meal allowance ta' numru ta' impjegati ser jitħallsu mal-paga li jmiss.

Seduta 91
22/02/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – STAFF ON CALL**

**5898. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm staff li jaħdem on call fl-Isptar Mount Carmel, x'inhi l-pożizzjoni tagħhom (l-impjieg) u f'liema sala jaħdmu?

01/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm 47 staffli jaħdem on call fl-Isptar Mount Carmel. It-tabella mehmuża tindika il- pożizzjoni tagħhom.

| | |
|---|---|
| 18 Consultants | SSN |
| 5 Allied Health Practitioners – OT | Lead Entity Management |
| 5 SNM | Manager Security Services |
| 8 Charge nurses | Prin. Inspector Health & Safety |
| Senior Practice Nurse | Principal |
| Senior Pharmacist | Senior Foreman |
| Advanced Pharmacy Practitioner | Officer in scale 11 |
| Chief engineer | |

Seduta 91
22/02/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – STAFF BIT-TELEWORK**

**5899. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm staff li jaħdem bit-teleworking fl-Isptar Mount Carmel, x'inhi l-pożizzjoni tagħhom (l-impjieg) u f'liema sala jaħdmu?

01/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi Mount Carmel hemm 37 impjegat li jaħdem bit-teleworking. It-tabella mehmuża tindika l-pożizzjoni tagħhom u d-dipartiment fejn jaħdmu.

| No. of Employees | GRADE | SECTION |
|---|---|---|
| 1 | SEC OFFICE ADMINISTRATOR | CUSTOMER CARE DEPARTMENT |
| 1 | PRINCIPAL PSYCHOLOGIST | CYPS-DEPARTMENT |
| 2 | PRINCIPAL | LEAVE SECTION |
| 1 | EXECUTIVE ALLIED HEALTH PRACT O.T. | OT DEPARTMENT |
| 1 | MANAGING ALLIED HEALTH | OT DEPARTMENT |
| 1 | Senior Allied Health O.T | OT DEPARTMENT |
| 1 | AHPROF-OT | OT DEPARTMENT |
| 1 | ALLIED HEALTH PRACT-O.T. | OT DEPARTMENT-COMMUNITY |
| 2 | PRINCIPAL PSYCHOLOGIST | PSYCHOLOGY DEPARTMENT |
| 3 | PSYCHOLOGY ASSISTANTs | PSYCHOLOGY DEPARTMENT |
| 1 | CLINICAL PSYCHOLOGIST PRACT | PSYCHOLOGY DEPARTMENT |
| 5 | PSYCHOLOGISTs | PSYCHOLOGY DEPARTMENT |
| 7 | PSYCHOLOGY PRACTITIONERS | PSYCHOLOGY DEPARTMENT |
| 2 | MANAGING PSYCHOLOGISTs | PSYCHOLOGY DEPARTMENT |
| 1 | PRINCIPAL | PA TO OFFICE OF CEO |
| 1 | ASSISTANT PRINCIPAL | SEC TO CONSULTANTS |
| 1 | PRINCIPAL | SEC TO CONSULTANTS |
| 2 | SENIOR SOCIAL WORKER | SOCIAL WORKER DEPARTMENT |

| | | |
|---|---|---|
| 1 | SOCIAL WORKER | SOCIAL WORKER DEPARTMENT - COMMUNITY |
| 2 | PRINCIPAL SOCIAL WORKER | SOCIAL WORKERS DEPARTMENT |

Seduta 91
22/02/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL – NUQQAS TA' OVERTIME**

**5900. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex staff mhux qed jingħata ċ-ċans li jaħdem overtime fil-payroll unit tal-Isptar Mount Carmel meta m'hemmx biżżejjed staff biex ilaħħaq mal-ħidma u ħruġ tal-pagi?

01/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kuntratt preżenti li hemm fis-seħħ tal-iskrivani ġewwa l-isptar Mount Carmel ma jippermettix li impjegati ingaġġati mal-kuntrattur jagħmlu overtime. Ninfurmah ukoll illi ġew ingaġġati skrivani ġodda fis-sezzjoni tas-salarji.

Seduta 91
22/02/2023

**X-RAY MACHINES**

**5901. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fejn jinsabu l-x-ray machines fis-settur tas-saħħa minbarra l-Isptar Mater Dei?

01/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illiX-ray machines fis-servizz tas-Saħħa tal-Gvern minbarra l-Isptar Mater Dei jinsabu kif indikat hawn taħt:
fiċ-Ċentru tal-Mosta
fiċ-Ċentru ta' Raħal Ġdid
fiċ-Ċentru tal-Furjana
fiċ-Ċentru tal-Gżira
fiċ-Ċentru ta' Ħal-Qormi.
Gozo General Hospital
St. Vincent De Paul

Seduta 91
22/02/2023

**IT-13-IL DISTRETT ELETTORALI – SPEED CAMERAS**

**6035. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fejn huma installati l-ispeed cameras fit-13-il Distrett Elettorali, kemm hu l-ispeed limit għal kull camera, kemm hemm tabelli li jindikaw li hemm speed camera fil-qrib u kemm hemm tabelli qabel kull camera li jindikaw l-ispeed limit?

02/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma hemm l-ebda speed camera installata fit-13-il Distrett Elettorali.

Seduta 91
22/02/2023

**UFFIĊJALI TAL-PULIZIJA F'GĦAWDEX LI JAGĦMLU XOGĦOL MARBUT MAL-QORTI**

**6085. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali tal-Pulizija f'Għawdex li huma assenjati full-time fuq ix-xogħol tal-Qorti? Jista' jgħid kemm-il-dispatch driver hemm f'Għawdex fil-Korp tal-Pulizija? Jista' jgħid fl-aħħar sentejn (2021 u 2022) kemm-il riferta ġiet imqassma? Jista' jgħid ukoll l-uffiċċju li jieħu ħsieb ix-xogħol tal-Qorti kemm-il entità differenti jkopri? Jista' jgħid jekk kienx hemm talba biex jiżdiedu n-nies f' dan l-uffiċċju li jieħu ħsieb ix-xogħol tal-Qorti?
06/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi hemm żewġ uffiċjali tal-Pulizija li huma assenjati full-time fuq ix-xogħol tal-Qorti f'Ghawdex, kif ukoll dispatch rider wieħed. Fis-snin 2021 u 2022 tqassmu total ta' disa t'elef, mija u ħdax il riferta. L-uffiċċju li jieħu ħsieb ix-xogħol tal-Qorti jkopri is-seduti tal-Pulzija li huma dawk tad-Distrett, tat-traffiku, tal-kolliżżjonijiet, tal-familja (aċċess u manteniment), tal-vjolenza domestika, tal-kaċċa u nsib (ALE), appelli u anke l-perizji. Ikopru wkoll is-seduti tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Jobs Plus, is-Sanita, Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjiegi, dipartiment tal-VAT, dipartiment tat-taxxa, Awtorita tad-Djar, TM (każijiet tal-baħar) u dawk tat-Trattament Xieraq tal-Annimali. It-tqassim tal-membri fil-Korp isir skond n-neċċessitajiet u eżiġenzi li jkun hemm bżonn.

Seduta 91
22/02/2023

**KUMMISSJONI DWAR IL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-FAĊILITAJIET SPORTIVI - PROĠETTI**

**6121. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għall-Kummissjoni dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi, jista' l-Ministru jgħid minn meta bdiet tiffunzjona din il-Kummissjoni, min huma l-membri u kemm ġew approvati applikazzjonijiet s'issa? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' proġetti approvati mill-Kummissjoni?

06/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 6120.

Seduta 91
22/02/2023

**SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA BIT-TELEWORKING**

**6122. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema fis-Settur Pubbliku fuq bażi ta' work from home?

06/02/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5910.

Seduta 91
22/02/2023

**KUNTRATTURI ASSENJATI MA' KUNTRATT MILL-GVERN – ĦADDIEMA BIT-TELEWORKING**

**6123. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema ta' kuntratturi assenjati ma' kuntratt maħruġ mill-Gvern li jaħdmu fuq bażi ta' work from home?

06/02/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern jixtri s-servizz u mhux minn jaħdem dan is-servizz u allura ma hemmx il-ħtieġa li jinżamm it-tagħrif kif mitlub.

Seduta 91
22/02/2023

**PULIZIJA – PERSUNI LI KISRU L-PAĊI PUBBLIKU JEW WETTQU REATI FIL-BELT VALLETTA**

**6124. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu nies il-Qorti minħabba ksur tal-paċi pubblika jew reati simili fil-Belt Valletta matul is-sena 2022? Jista' jgħid nhar ta' Sibt filgħaxija xi preżenza qed ikun hemm, jekk qed ikun hemm, fit-toroq prinċipali tal-Belt Valletta tal-forzi tal-bon ordni?

06/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi matul is-sena 2022 fil-Belt Valletta kien hemm sitt persuni li tressqu l-Qorti minħabba ksur tal-paċi pubblika jew reati simili. Dwar il-preżenza ta' Pulizja li jkun hemm il-Belt u li jkopru wkoll it-toroq prinċipali fil-weekend, ikun hemm numru ta' uffiċjali mill-għassa tal-istess Distrett, uffiċjali mit-Taqsima tal-Pulizija tal-Komunità u minn taqsimiet oħra. Dan barra mir-ronda regulari li ssir minn uffiċjali tat-taqsima tal-RIU.

Seduta 91
22/02/2023

**DIRETTIVA (EU) 2020/1828**

**6125. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslet il-ħidma dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva (EU) 2020/1828 li suppost kellha tiġi trasposta fil-Liġi Maltija sal-aħħar tas-sena 2022?

06/02/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Abbozz ta' Liġi rigward it-traspożizzjoni tad-Direttiva (EU) 2020/1828 għandha titressaq quddiem il-Parlament fiż-żmien qarib.

Seduta 91
22/02/2023

**TRANSPORT MALTA – RAPPORTI PERMEZZ TA' SMS DWAR EMISSJONIJIET TA' DUĦĦAN**

**6175. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6000 u jgħid kemm-il rapport b'SMS daħal għand Transport Malta dwar emissjonijiet ta' duħħan minn karozzi fl-2022 u jgħid kemm ittieħdu azzjonijiet f'dan ir-rigward? Kemm-il karozza m'għaddietx mit-test? Kemm jiswa SMS?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2022 Transport Malta irċeviet 326 rapport ta' vetturi b'emissjonijiet ta' duħħan eċċessiv. Ittieħdu azzjonijiet fuq l-ammont kollu ta' vetturi kif

wieħed jista’ jara fit-tabella ta’ hawn taħt, ukoll ġiet imposta restrizzjoni fuq il-liċenzja ta’ 90 vettura li naqsu li jidhru għall-ispezzjoni.

| **PQ 6000** Emission tests | **Called for test** | **Passed** | **Failed** | **No Show (Restricted License)** |
|---|---|---|---|---|
| | 326 | 141 | 95 | 90 |

Seduta 91
22/02/2023

**TRANSPORT MALTA – PUBBLIKAZZJONI TAL-PREZZ GĦALL-VRT TEST**

**6176. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6001 u jippubblika l-prezz għall-VRT test għal kull tip ta’ vettura mill-2016 sal-lum, maqsuma sena b’sena?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-Tmien Skeda tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq (Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.15), li fiha hemm ippublikati d-drittijiet tal-VRT għall-kategoriji kollha ta’ vetturi bil-mutur. L-istess Skeda turi d-drittijiet li kienu applikabbli sal-31 ta’ Diċembru 2019, dawk li kienu applikabbli bejn l-1 ta’ Jannar 2020 u l-31 ta’ Diċembru 2022, u dawk li huma applikabbli mill-1 ta’ Jannar 2023.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TIEGĦU**

**6195. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a) mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu; u/jew
b) kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu?

07/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li bħala Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, nagħmel użu minn karozza waħda, tal-għamla Mercedes Benz 220D. Wara talba għall-kwotazzjonijiet, din tinkera għall-prezz ta’ €27.97 kuljum.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TIEGĦU**

**6196. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a) mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu; u/jew

b) kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu?

07/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-karozza uffiċjali użata minni hi tal-għamla Mercedes Benz E220 D, li tinkera għal €27.50 kuljum (VAT inkluż). Minbarra hekk, kontra dak li qed jiġi ssuġġerit, ma jsir l-ebda użu minn second car.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TIEGĦU**

**6197. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:

a) mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu; u/jew
b) kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu?

07/02/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-karozza uffiċjali li tintuża mill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli hi tal-għamla ta' Alfa Romeo Giulia u hi mikrija bir-rata ta' €10,621.50 fis-sena. M'hemm l-ebda second car kif qed jiġi ssuġġerit.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TIEGĦU**

**6198. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li juża hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a) mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu; u/jew
b) kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu?

07/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministru m'għandux second car. Il-karozza li juża hi l-karozza li kienet tintuża mill-Ministru preċedenti u hija tal-għamla Mercedes E Class utinkera minn Freeways Auto Rentals b'rata ta' €34.26 (eskluż VAT) kuljum.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TAGĦHA**

**6199. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tagħha? Tista' tgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li tuża hi u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, tista' tgħid:

a) mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tagħha; u/jew
b) kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tagħha?

07/02/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għamla tal-karozza uffiċjali hija Mercedes E Class. Dan il-kuntratt li kien inbeda fl-2017 ġie estiż b'sena f'Settembru li għadda sakemm isiru l-arranġamenti neċessarji biex tkun tista' tinkera vettura elettrika.
Il-vettura hija leased mingħand Burmarrad Commercials għall-prezz ta' €28 kuljum. Il-kumpanija kienet intgħażlet abbażi tal-orħos offerta wara li kienu nġiebu numru ta' kwotazzjonijiet.
Il-Ministru ma tagħmilx użu mis-second car u għaldaqstant m'hemm l-ebda informazzjoni x'tingħata f'dan ir-rigward.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - KAROZZA UFFIĊJALI U S-SECOND CAR TIEGĦU**

**6200. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-għamla tal-karozza uffiċjali kif ukoll tas-second car tiegħu? Jista' jgħid jekk inħarġitx tender għall-għażla tal-karozzi uffiċjali li jużа hu u min rebaħ dan it-tender? Jekk ma nħareġ l-ebda tender, jista' jgħid:
a) mingħand min inxtraw u kemm ġew jiswew il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu; u/jew
b) kemm qed jinkrew kuljum il-karozza uffiċjali u s-second car tiegħu?

07/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-karozza uffiċjali li tintuża mill-Ministru tat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali hi tal-għamla Tesla, li tinkera għal €50.00 kuljum.

Seduta 91
22/02/2023

**ADOZZJONIJIET F'MALTA U GĦAWDEX**

**6237. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru adozzjonijiet kull sena fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022? Jista' jgħid kemm minnhom kienu f'Malta u kemm minnhom f'Għawdex? Jista' jgħid ukoll minn dawn l-adozzjonjiiet kemm minnhom kienu ta' tfal minn Malta stess u kemm minnhom ta' tfal minn pajjiżi barranin? Jista' jagħti break down tal-adozzjonijiet li saru minn pajjiżi barranin, pajjiż pajjiż?

07/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif tidher fit-tabelli annessi.

| | Adoption completed in the State of Origin | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Malta | | | | | Gozo | | | | | Grand |
| State of Origin | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | Total |
| India | 32 | 23 | 15 | 14 | 30 | 1 | 1 | 2 | 1 | - | 119 |
| Slovakia | - | - | - | - | 2 | - | - | - | - | - | 2 |
| Vietnam | - | - | - | 1 | - | - | - | - | - | - | 1 |
| **Grand Total** | **32** | **23** | **15** | **15** | **32** | **1** | **1** | **2** | **1** | **-** | **122** |

*An adoption from India was dissolved after being concluded in the State of Origin in 2020*

| | **Dissolution of adoption** | |
|---|---|---|
| | **Malta** | **Grand Total** |
| **State of Origin** | **2020** | |
| India | 1 | 1 |
| **Grand Total** | **1** | **1** |

| | **Request for adoption completed in the United Kingdom to be recognized in Malta for citizenship of adopted children** | |
|---|---|---|
| | **2019** | **Grand Total** |
| **State of Origin** | **Unknown** | |
| United Kingdom | 2 | 2 |
| **Grand Total** | **2** | **2** |

| | Adoptions completed in Malta | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Malta** | | | | | **Grand Total** |
| | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** | |
| Bulgaria | - | - | - | 3 | - | 3 |
| India | 6 | 3 | 1 | | 19 | 29 |
| Malta | - | 3 | 2 | 2 | 2 | 9 |
| Portugal | 9 | 1 | 2 | 1 | 11 | 24 |
| Slovakia | 4 | 4 | - | - | - | 8 |
| Thailand | - | 1 | - | - | - | 1 |
| Grand Total | **19** | **12** | **5** | **6** | **32** | **74** |

*The couple was not living in Malta or Gozo at the time*

Seduta 91
22/02/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**6238. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti għall-akkomodazzjoni soċjali? Jista' jgħid kemm minn dawn huma għall-akkomodazzjoni f'Malta u kemm f'Għawdex? Jista' jgħid mis-sena 2018 sal-lum, sena b'sena, kemm ġew allokati units ġodda lill-applikanti li kienu fuq il-waiting list, f'liema lokalitajiet kienu dawn il-units u jekk f'kull każ dawn il-units humiex proprjetà tal-Gvern jew proprjetà tal-privat li ġew mikrija mill-Gvern għal dan l-iskop?

07/02/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 91
22/02/2023

**FOSTERING TA' TFAL**

**6239. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal li huma fostered fil-preżent u kemm minnhom huma fostered f'familja f'Malta u kemm minnhom f'familji f'Għawdex? Jista' jgħid kull sena mis-sena 2018 sal-lum kemm kien in-numru totali ta' tfal li ġew fostered? Jista' jgħid kemm hemm tfal li bħalissa qed jistennew li jiġu fostered?

07/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, fil-preżent il-fostering placements huma kif qed ikun elenkat hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Malta (0 sa 17-ilsena) | 212-il minuri |
| Malta (18+) | 34-il maġġorenni |
| Għawdex (0 sa 17-il sena) | 17-il minuri |
| Għawdex (18+) | 3 maġġorenni |
| Total | 266 |

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' tfal li bħalissa qed jistennew li jitpoġġew f'foster placement jammonta għal **57 minuri.**

Inkompli billi ngħarraf lill-Onor. Interpellant li t-total ta' fostering placements ġodda kull sena, mill-2018 sal-lum, huwa kif qed ikun elenkat fit-tabella t'hawn taħt:

| Sena | Total ta' Fostering Placements Ġodda fis-Sena |
|---|---|
| 2018 | 28 |
| 2019 | 22 |
| 2020 | 28 |
| 2021 | 44 placements ġodda u 1 li biddel il-placement minħabba placement breakdown. **Total 45** |
| 2022 | 24 placements ġodda u 1 li biddel il-placement minħabba placement breakdown. **Total 25** |
| 2023 – sat-13 ta' Frar | 2 |

Seduta 91
22/02/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2017**

**6279. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2017? Jista' jqiegħed

fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

07/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**ENEMALTA – SERQ U TBAGĦBIS TA' METERS**

**6289. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 6005 u tgħid kemm-il dikjarazzjoni ta' serq u tbagħbis ta' meters daħlu għand l-Enemalta minn meta l-Gvern ħabbar maħfra lil min seraq l-elettriku? Tista' tagħti break down skont il-lokalità ta' fejn kienu jinsabu dawn il-meters? Tista' tgħid kemm-il dikjarazzjoni ġiet mingħand negozji u kemm minn djar residenzjali? Min kienu l-membri tal-kumitat li aċċettaw dawn id-dikjarazzjonijiet? Kemm kien l-ammont li l-Gvern irċieva minn dawn id-dikjarazzjonijiet? Min huma l-avukati li qed jirrappreżentaw lill-Enemalta f'dawn il-każijiet u kemm qed jitħallsu?

08/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema skema qiegħed jirreferi peress li taħt amministrazzjonijiet differenti kien hemm diversi skemi li saru biex ikun kontrollat is-serq tal-elettriku. Infakkar lill-Onor. Membru li fl-2006 kienu ġew emendati r-regolamenti dwar il-provvista tal-elettriku sabiex ma jitteħdux passi kriminali jew ċivili kontra persuni li jinstab li bagħbsu l-arloġġi tal-elettriku u minflok seta' jsir ftehim biex l-Enemalta tiġbor dak dovut lilha fuq stima tal-konsum flimkien ma' multa.

Seduta 91
22/02/2023

**MFSA – EXECUTIVE COMMITEE - MEMBRI**

**6290. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6009 u jgħid x'inhuma l-pakketti finanzjarji li għandhom il-membri tal-Executive Committee fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA)?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-pakkett finanzjarju li għandhom il-membri tal-Kumitat Eżekuttiv fi ħdan l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji jvarja bejn €91.2K u €109.2K.

Seduta 91
22/02/2023

**MFSA – EXECUTIVE COMMITEE – MEMBRI LI DDIKJARAW KUNFLITT TA' INTERESS**

**6291. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6010 u jgħid jekk kienx hemm istanzi fis-snin 2020, 2021 u 2022 fejn membri tal-Executive Committee fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) iddikjaraw kunflitt ta' interess u ma pparteċipawx f'deċiżjonijiet? Meta kienu dawn l-istanzi u liema kienu l-membri tal-Executive Committee?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-PQ 18226 tal-Leġiżlatura XIII.

Seduta 91
22/02/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2016**

**6294. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2016? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2015**

**6299. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2015? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2014**

**6300. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2014? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**FOND GĦALL-KAWŻI ĠUSTI – ENTITAJIET LI BBENEFIKAW FIS-SENA 2013**

**6301. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-entitajiet li bbenefikaw mill-Fond għall-Kawżi Ġusti matul l-2013? Jista' jqiegħed

fuq il-Mejda tal-Kamra kemm kien l-ammont fi flus li ħadet kull entità u d-data ta' meta ħarġet l-ittra tal-approvazzjoni għal kull entità?

08/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**ĦAL GĦAXAQ – GĦASSA TAL-PULIZIJA - MANUTENZJONI**

**6363. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jara li l-Għassa tal-Pulizija f'Ħal Għaxaq tinfetaħ iktar spiss u jindika x'xogħol ta' manutenzjoni sar is-sena li għaddiet u x'beħsiebu jsir din is-sena?

09/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li ġewwa l-lokalità ta' Ħal Għaxaq ser jibda s-servizz ta' pulizija tal-komunità fiż-żmien li ġej. Ninsab infurmat ukoll illi l-għassa f'Ħal Għaxaq tinfetaħ meta jkun hemm in-neċessità, u l-lokalità hija koperta mir-ronda regulari tal-uffiċjali tat-taqsima tal-RIU, kif ukoll dawk tad-distrett.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTRU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – LAQGĦAT BARRA MINN MALTA FUQ XOGĦOL MINISTERJALI**

**6364. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba attenda laqgħat matul is-sena li għaddiet barra minn Malta in konessjoni max-xogħol ministerjali u jistax jindika wkoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

09/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 91
22/02/2023

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - LAQGĦAT BARRA MINN MALTA FUQ XOGĦOL MINISTERJALI**

**6365. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il darba attenda laqgħat matul is-sena li għaddiet barra minn Malta in konessjoni max-xogħol ministerjali u jistax jindika wkoll min akkumpanjah u kemm kienu l-ispejjeż relattivi tal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni?

09/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista bl-informazzjoni fuq is-safar kif mitluba minnu.

Seduta 91
22/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XOGĦOL MARBUT MAN-NEW WATER**

**6369. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6061 dwar in-New Water fl-inħawi ta' San Pawl il-Baħar, tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija kollha u tgħid meta hu mistenni li x-xogħol kollu jiġi konkluż? Tista' tieħu l-passi neċessarji biex tassigura li fejn diġà tqiegħdu l-pajpijiet, isir ix-xogħol u l-asfalt li baqa' qabel ma sseħħ xi traġedja fl-istess triq?

09/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li x-xogħlijiet marbutin man-New Water fi Triq Għajn Tuffieħa jinsabu għaddejjin u mistennija jitlestew sal-aħħar ta' Marzu, fejn imbagħad Infrastructure Malta tkompli l-proġett bl-għoti tal-asfaltar. Il-korporazzjoni tkompli x-xogħol tan-New Water fl-inħawi tal-Imbordin bil-pjan li l-proġett komplut ikun magħluq sa Ġunju.

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL SPEĊJALIZZATI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**6370. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hawn skejjel speċjalizzati għal persuni b'diżabilità (Resource Centres)? Liema huma dawn l-iskejjel? Kemm jattendu tfal u żgħażagħ f'kull skola u x'inhi l-età tagħhom għal kull skola separatament?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;
· San Miguel f'Pembroke fejn hemm 38 student ta' bejn it-3 snin u l-10 snin,
· Guardian Angel il-Ħamrun fejn hemm 79 student ta' bejn il-11 u l-15-il sena,
· Helen Keller il-Qrendi fejn hemm 30 student ta' bejn il-11 u t-22 sena,
· Dun Manwel Attard il-Wardija fejn hemm 108 student ta' bejn is-16 u t-22 sena
· Sannat Special Unit fejn hemm 26 student ta' bejn it-3 snin u t-22 sena

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL SPEĊJALIZZATI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**6371. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk il-Gvern għandux pjan li jiftaħ iktar skejjel speċjalizzati għal persuni b'diżabilità (Resource Centres)? Jekk iva, jista' jagħti informazzjoni dwar dan?

09/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma l-Onor. Interpellant li għalissa m'hemmx ħsieb li jinfetħu aktar skejjel speċjalizzati għal persuni b'diżabilità.

Seduta 91
22/02/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TOROQ PRINĊIPALI – MIŻURI TA' SIGURTÀ**

**6372. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji biex fit-triq prinċipali ta' San Pawl il-Baħar, Triq San Pawl,

minn ħdejn ir-roundabout (li tagħti għax-Xatt il-Pwales u Triq Għajn Tuffieħa) sal-Veċċja, jkun hemm miżuri xierqa ta' sigurtà bħal zebra crossings eċċ.?

09/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-triq msemmija hija triq li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-kunsill lokali ta' San Pawl u li l-Awtorità m'għandha l-ebda applikazzjoni pendenti jew complaints fir-rigward ta' nuqqas ta' sigurtà mill-istess kunsill jew mir-residenti. Madanakollu l-Awtorità ser tkun qiegħda tikkomunika mal-kunsill fir-rigward ta' dan is-suġġett.

Seduta 91
22/02/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI GĦAL-LOKALITAJIET TAL-IMĠARR, IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR**

**6373. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema applikazzjonijiet pendenti għandu l-Ministeru jew xi entità li taqa' taħtu, quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal-lokalitajiet tal-Imġarr, Mellieħa, Naxxar u San Pawl il-Baħar? Jista' jagħti taghrif dwar liema permessi validi tal-Awtorità tal-Ippjanar għandu kemm il-Ministeru kif ukoll l-awtoritajiet/entitajiet li jaqgħu taħtu? F'kull każ x'inhu x-xogħol involut?

09/02/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-segwenti huma l-applikazzjonijiet pendenti li għandhom l-entitajiet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar:
· applikazzjoni biex jitneħħa t-taraġ tal-konkos eżistenti li jinsab fiż-żona tat-Tunnara l-Mellieħa (aċċessibbli minn Triq il-Marfa) u jerġa' jinbena mill-ġdid kif inhu. Dan minħabba l-ħsarat li sofra matul iż-żmien.
· Applikazzjoni għall-installazzjoni ta' dawl fuq il-faċċata tal-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar.
Intant, is-segwenti huma l-permessi validi:
· applikazzjoni biex jiżżarmaw u jitneħħew elementi perikolużi eżistenti u r-rikostruzzjoni tal-istess elementi bħal dawk eżistenti fl-istore li d-Diviżjoni tat-Tindif għandha ġewwa l-Armier;
· Tisbiħ tal-pjazza – Misraħ il-Parroċċa, Triq Salvinu Vella u Triq l-Inkurunazzjoni, Mellieħa;
· Restawr tal-Istatwa tar-Ruħ, Mellieħa;
· Tisbiħ ġewwa s-Salt Pans, Dawret il-Gżejjer, San Pawl il-Baħar;
· Tisbiħ tal-Belvedere fi Triq San Franġisk ma' Triq San Publiju, San Pawl il-Baħar;
· Tisbiħ tas-sit li jinsab fi Triq il-Luzzu, f'żona pubblika ġewwa San Pawl il-Baħar;
· Tisbiħ tal-Pjazza ta' Buġibba;
· Installazzjoni ta' digital kiosk u smart bench fil-Pjazza ta' Buġibba;
· Restawr tal-Istatwa ta' Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar.

Seduta 91
22/02/2023

**SPTAR MATER DEI – ART CLINIC – POST VAKAT**

**6385. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' jgħid l-Prim Ministru jgħid għalfejn inħarġet espressjoni ta' interess għall-post li reċentement spiċċa vakat fl-inkarigu ta' responsible person tal-ART Clinic (Assisted Reproductive Technology) fl-Isptar Mater Dei u ma saritx sejħa pubblika normali ġewwa l-Isptar Mater Dei? Ma jaħsibx li sejħa pubblika tattira aktar persuni adatti għal din il-kariga importanti?

13/02/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**SPTAR MATER DEI – ART CLINIC – POST VAKAT**

**6386. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għalfejn inħarġet espressjoni ta' interess għall-post li reċentement spiċċa vakat fl-inkarigu ta' responsible person tal-ART Clinic (Assisted Reproductive Technology) fl-Isptar Mater Dei u ma saritx sejħa pubblika normali ġewwa l-Isptar Mater Dei? Ma jaħsibx li sejħa pubblika tattira aktar persuni adatti għal din il-kariga importanti?

13/02/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-post ta' ResponsiblePerson tal-ART Clinic ser jimtela bi proċess kompetittiv intern.

Seduta 91
22/02/2023

**RABAT – TRIQ ĠORĠ BORG OLIVIER – ĊITAZZJONIJIET LIL SEWWIEQA TA' INĠENJI KBAR**

**6387. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu ċitazzjonijiet, matul is-snin 2021 u 2022 u matul din is-sena sad-data li tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fi Triq Ġorġ Borg Olivier (Buschetto Road), fir-Rabat, minn uffiċjali tal-LESA u mill-Pulizija lil sewwieqa ta' inġenji kbar li għaddew minn din it-triq kontra r-regolamenti tat-traffiku?

13/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 6387 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**KULLEĠĠ TA' GĦAWDEX – SEJĦA GĦAL EDUCATIONAL OFFICER CURRICULUM**

**6393. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3871 u jgħid jekk għall-Kulleġġ ta' Għawdex b'mod speċifiku, ħarġitx sejħa għal EO (Educational Officer) Curriculum? Jekk iva, jista' jgħid jekk din il-vakanza mtlietx u f'każ li iva, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li ħadet dan il-post hux qarib ta' Ministru fil-kabinett attwali?

13/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 91
22/02/2023

**MFHEA - AUDITS**

**6394. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3303 u jgħid meta saru l-aħħar audits min-naħa tal-Malta Further & Higher Education Authority (MFHEA) tal-entitajiet tal-Gvern li joffru edukazzjoni terzjarja jew għall-adulti, l-Università ta' Malta, l-MCAST, l-ITS, il-Jobsplus, l-Akkademja tal-

Pulizija, l-Akkademja tal-Forzi Armati, id-Direttorat tal-Edukazzjoni tal-Adulti (li jaqa' fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni) u l-IFE? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar audits għal kull entità u jgħid meta se jkunu qed isiru l-audits li jmiss għal kull entità?

13/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 91
22/02/2023

**SKEJJEL F'MALTA U GĦAWDEX – FIRST AIDERS BIL-KORSIJIET AĠĠORNATI**

**6395. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3872 u jgħid jekk hemmx first aider (bil-korsijiet aġġornati) għal kull skola f'Malta u Għawdex, kemm primarji, medji kif ukoll sekondarji? Jista' jagħti rendikont ta' kemm hawn first aiders bil-korsijiet aġġornati fil-livell primarju, medju u sekondarju? Jista' jgħid ukoll meta se jkunu msejħa l-first aiders attwali biex jaġġornaw il-korsijiet li għandhom bħalissa (u li ta' wħud huma skaduti)?

13/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 91
22/02/2023

**STUDENTI BARRANIN – ASSESSJAR TAL-LIVELL LINGWISTIKU MALTI U INGLIŻ**

**6396. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3208 u jgħid b'liema kriterji qed ikunu assessjati studenti barranin sabiex ikun stabbilit il-livell lingwistiku fil-Malti u fl-Ingliż qabel jiddaħħlu fil-mainstream classes jew le? Dan it-tip ta' assessjar qiegħed isir online jew le?

13/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan l-assessjar isir b'sistema apposta kemm online u kif ukoll wiċċ imb wiċċ.

Seduta 91
22/02/2023

**MEKKANIŻMU TAL-MATSEC**

**6397. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3203 u jgħid jekk hemmx mekkaniżmu stabbilit mill-MATSEC, li permezz tiegħu t-30% mill-marka totali għall-eżamijiet tal-O'Level, li jinkisbu matul l-aħħar tliet snin tas-sekondarja u li se jibdew japplikaw mis-sena skolastika li jmiss (2023-2024), sabiex il-marki jkunu standardizzati bejn l-Iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u tal-Privat? Jekk hemm, min se jkun qiegħed jissorveljah?

13/02/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-istakeholders neċessarji kollha qablu li t-30% tal-marki fis-SEC għandhom jiġu minn xogħol mogħti u kkoreġut mill-għalliema stess. Mhu se jkun hemm l-ebda tip ta' restrizzjoni fuq x'tip ta' xogħol ser jingħata għaliex l-għalliem innifsu jista' jagħraf il-bżonnijiet speċifiċi tal-istudenti tiegħu.

Seduta 91
22/02/2023

**PALAZZ TA' SAN ANTON – PLAKKI LI HEMM FIL-KAPPELLA**

**6398. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista ta' plakki li hemm fil-Kappella li tinsab fil-Palazz ta' Sant'Anton li juru min tgħammed u min iżżewweġ fl-istess kappella?

13/02/2023
**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kif jaf kulħadd, il-Palazz ta' Sant'Anton huwa fir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tal-President.

Seduta 91
22/02/2023

**MICAS – SEJĦA INTERNAZZJONALI GĦAL DIRETTUR ARTISTIKU**

**6399. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li f'Marzu 2022 il-Malta International Contemporary Art Space (MICAS) ħareġ sejħa internazzjonali għal direttur artistiku, jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna biex tieħu dan ir-rwol intgħażlitx u jekk iva, x'inhi r-remunerazzjoni li se tingħata?

13/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-proċess tas-sejħa kkonċernat għadu ma ngħalaqx.

Seduta 91
22/02/2023

**MICAS – REMUNERAZZJONI TAD-DIRETTUR ARTISTIKU**

**6400. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-remunerazzjoni tad-direttur artistiku l-ġdid hix se tkun koperta mill-fondi tal-Gvern li jingħataw lill-Malta International Contemporary Art Space (MICAS) jew hux se tkun koperta mill-fondi ġenerati mill-attivitajiet li jorganizza l-MICAS, fosthom il-MICAS Gala?

13/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li r-remunerazzjoni tad-direttur tal-programm artistiku l-ġdid se tkun parti mill-ispiża għall-operat tal-MICAS.

Seduta 91
22/02/2023

**GŻIRA – TRIQ D'ARGENS – PROBLEMA TA' GĦARGĦAR**

**6401. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid xi pjanijiet għandha l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta biex tissolva darba għal dejjem il-problema ta' għargħar ikkawżata mill-ilma tax-xita fi Triq D'Argens, il-Gżira?

13/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 6401 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**GŻIRA – TRIQ D'ARGENS – BUS SHELTER "IMPERU"**

**6402. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jerġa' jiġi istallat il-bus shelter li kien istallat fil-bus stop bl-isem "Imperu" fi Triq D'Argens, il-Gżira u li waqa' kawża tal-maltemp?

13/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'rrferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 6402 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**REKLAMAR DWAR IL-BAĠIT 2023 - INFIQ**

**6403. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tan-nefqa li saret għal reklamar dwar il-Baġit għas-sena 2023, inkluż nefqa għal reklami f'gazzetti, f'siti soċjali bħal Facebook, Twitter u permezz ta' Google kif ukoll fuq l-istazzjonijiet lokali tat-televiżjoni u tar-radju? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għall-ħlas dwar l-imsemmija reklami?

13/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirrerefi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 3619.

Seduta 91
22/02/2023

**FGURA – TRIQ HOMPESCH - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**6428. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li tissewwa l-ħsara li qed tikkawża qtugħ spiss ta' dawl fi Triq Hompesch, bejn Triq is-Sur u Triq San Tumas in-naħa tal-Knisja Parrokkjali, fil-Fgura, li qed twassal biex spiss din il-parti tat-triq, inkluż iz-zuntier tal-knisja, ikunu fi dlam ċappa, b'periklu għall-anzjani li jiffrekwentaw il-knisja filgħaxija?

13/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li żviluppat ħsara fil-feeder cable taħt l-art li jissupplixxi l-linji tal-elettriku tat-triq. Dawn it-tiswijiet tlestew nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2023.

Seduta 91
22/02/2023

**AĠENZIJA GĦAS-SERVIZZI KORRETTIVI – DIRECT ORDERS**

**6429. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5772, jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders MHUX lill-persuna li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament IŻDA kemm ingħataw direct orders mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi matul il-perjodu li l-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, kienet Kap Eżekuttiv? Jista' jipprovdi l-lista ta'dawn id-direct orders u l-valur tal-istess?

13/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni qed tingħabar.

Seduta 91
22/02/2023

**DOMESTIC VIOLENCE UNIT – MEMBRI TAL-KORP**

**6430. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-data meta tkun qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija, jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' pulizija li jaħdmu fi ħdan il-Unit tal-Vjolenza Domestika u r-ranks relattivi tal-istess pulizija li jaħdmu fi ħdan din il-unit? *In vista* tal-każijiet ta' vjolenza domestika, jista' l-Ministru jgħid x'inhi s-sitwazzjoni fid-Dipartiment tal-Vjolenza Domestika?

13/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi numru ta' pulizija li jaħdmu fi ħdan it-Taqsima tal-Vjolenza Domestika u dettalji dwar il-gradi relattivi tagħhom jidhru fit-tabella hawn taħt. Dawn l-uffiċjali huma dedikati u mħarrġa f'dan ix-xogħol, biex jassistu lill-pubbliku meta dawn jiġu bżonn is-servizzi tagħhom. Infurmat li minn meta twaqqfet din it-Taqsima, żdiedu b'mod konsiderevoli n-numru ta' rapporti dwar dan il-pjaga tas-soċjetà. Minn meta twaqqfet din it-taqsima fis-sena 2020 fuq parir ta' diversi professjonisti u anke l-GREVIO kien hemm ukoll żieda fl-ammont ta' uffiċċjali f'din it-taqsima.

| Taqsima dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u l-Vjolenza Domestika | |
|---|---|
| Assistent Kummissarju | 1 |
| Supretendent | 1 |
| Spetturi | 5 |
| Surġenti | 11 |
| Kuntistabbli | 22 |
| Kuntistabbli ta' riserva | 3 |
| Mpjegati Ċivili | 1 |
| **Total** | **44** |

Seduta 91
22/02/2023

**PJAN GĦAL ŻEWĠ HUBS LI JAĦDMU FUQ IL-KAŻIJIET TAL-VJOLENZA DOMESTIKA**

**6431. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ġie abbandunat il-pjan li jkun hemm żewġ hubs f'Malta li jirċievu u jaħdmu fuq il-każijiet tal-vjolenza domestika?

13/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi mhux minnu li ġie abbandunat il-pjan li jkun hemm żewġ hubs f'Malta li ser jiffukaw u jaħdmu fuq il-każijiet ta' vjolenza domestika. Fil-fatt qed isir xogħol għal hub li sar fl-Għassa tal-Pulizija f'Sta Luċija, li ser tkun waħda minn dawn il-hubs għal vittmi ta' vjolenza domestika. Ukoll ser jitħabbar it-tieni hub fi żmien qasir.

Seduta 91
22/02/2023

**DASH RISK ASSESSMENT**

**6432. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fil-każ ta'risk assessments id-DASH Risk Assessment qed jintuża għal kulħadd, anke għal abbuż minn ulied fuq ġenituri jew aħwa fuq aħwa, meta l-mistoqsijiet huma speċifikament indirizzati għall-partners u miżżewġin?

13/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta li hu l-Att dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika, jinkorporha fih kull tip ta' abbuż li jseħħ f'ambjent domestiku. Il-Liġi ma tittrattax biss vjolenza bejn partners jew miżżewġin, iżda tiġbor kull tip ta' vjolenza domestika.

Għaldaqstant, id-**Domestic Violence Risk Assessment Service** fi ħdan il-**Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)** jiġu mitluba jagħmlu ir-risk assessment ma' dawk il-vittmi li jkunu qed jirrapurtaw lill- pulizija.

Fil-każijiet li qed jirreferi għalihom l-Onor. Interpellant, ir-risk assessors jieħdu l-fatturi li kollha qed jikkontribwixxu għar-riskju li l-persuna li tkun qegħda tirraporta tkun fih. Dawn il- fatturi joħorġu wkoll mir-**risk assessment** tad-DASH. Dawn il-fatturi jingħataw l-importanza massima u jiġu enfassizzati sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-vittmi kkonċernati.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li, t-taħriġ f'dan il-qasam huwa kontinwu u skont il-ħtiġijiet ġodda emerġenti li jkunu qed jiġu rrappurtati lis-servizz tal-Vjolenza Domestika fi ħdan l-FSWS. F' dan il-kuntest, realtà pjuttost ġdida li ġiet innutata hija dik tal-vjolenza tat-tfal fuq il-ġenituri, l-hekk imsejħa **child to parent violence**. Hawn l-FSWS ħadet ħsieb illi tħarreġ lill-ħaddiema tas-sezzjoni taċ-**Child to Parent Violence Service** u anke ġew mħarrġa dwar metidoloġija oħra biex jiġu assessjati dawn il-kazijiet**.**

Seduta 91
22/02/2023

**XOGĦOL TA' RISK ASSESSMENTS**

**6433. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid għaliex hemm ħaddiema li jagħmlu DASH risk assessments li l-unika background ta' studju tagħhom huwa fil-healthcare (MCAST), meta jrid ikun hemm minimu ta' konoxxenza fil-psikoloġija jew suġġetti umanistiċi?

13/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi mhuwiex infurmat sewwa dwar il-background ta' studju tal- ħaddiema li jagħmlu DASH risk assessments.

Infatti, kif qed ikun elenkat hawn taħt, il-kwalifiki ta' 13-il risk assessors li jagħmlu DASH Risk Assessments huma:

- B.A. Youth Work — 1 persuna
- Master's in Spirituality — 1 persuns
- B.Psy. (Hons) — 5 persuni
- B.A. in Health and Social Care Management — 3 persuni

- B.A. Criminology 1 persuna
- B.A. Psychology & Criminology 1 persuna
- B.A.; M.A. in Teaching & Learning 1 persuna

Nixtieq ukoll ninforma lill-Onor. Interpellant li, 2 mill-ħaddiema jinsabu wkoll fl-aħħar fażi tal-istudji tagħhom fil-Master's in Forensic Psychology.
Għal dan is-servizz, tintalab b'mod partikolari kwalifika fis-suġġetti umanistiċi.

Seduta 91
22/02/2023

**DEPOT - RISK ASSESSORS**

**6434. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid għaliex fix-shift tar-risk assessors stazzjonati fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija hemm biss żewġ ħaddiema? Jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li dawn jiżdiedu?

13/02/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, kif diġa' spjegajt fit-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari numru 6433, in-numru ta' Risk Assessors huwa ta' 14.

Dawn jaħdmu b' sistema ta' **Day / Night / Rest / Off**, 24 siegha kuljum, il-ġranet kollha tas-sena.

Dan ifisser ukoll li hemm 4 xiftijiet u li hemm 3 Risk Assessors f' kull shift mhux 2 kif qed ikun elenkat mill-Onor. Interpellant.

Fl-aħħar nett, tajjeb li nirrimarka li, sa issa, dawn ir-risk assessors jattendu ġewwa d-Depot meta mitluba mill-Pulizija tal-iskwadra kontra l-vjolenza domestika u abbażi tal-ġeneru. It-talba min-naħa tal-Pulizija biex dawn ir-risk assessors jkunu stazzjonati di sentu fid-Depot waqt ix-shift rispettiv tagħhom saret biss fl-aħħar ġimgħa ta' Diċembru li għadda, jiġifieri Diċembru 2022. L-FSWS aċċettat din it-talba u bħalissa l-Korp tal-Pulizija qed jaħdem biex ilesti post adegwat għal dan il-għan.

Seduta 91
22/02/2023

**PRIĠUNIERI BARRANIN LI ĠEW RIPATRIJATI**

**6439. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu n-numru ta' priġunieri barranin li ġew ripatrijati mis-sena 2020 sal-ġurnata li tiġi mwieġba din il-mistoqsija?

13/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li bejn l-2020 u l-aħħar ta' Jannar 2023 ġew ripatrijati minn pajjiżna 52 persuna lejn pajjiżi barra l-Unjoni Ewropeja, li kienu nstabu ħatja ta' reat u skontaw sentenza ta' priġunerija f'pajjiżna. Huma ġew deportati fuq ordni tal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni skont il-provediment tal-liġijiet Maltin.

Seduta 91
22/02/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – SPIŻA**

**6440. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-ispiża għal kull ġurnata ta' priġunier fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

13/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fl-aħħar snin sar investiment bla preċedent fl-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, kemm permezz ta' żieda fil-ħaddiema u professjonisti li jaħdmu fuq riabilitazzjoni, ġie ffirmat ftehim kollettiv ġdid u anke investiment importanti ġewwa l-bini. L-ispiża fuq kull priġunier tvarja minn kemm ikun hemm priġunieri f'sena ġewwa l-aġenzija u dan meta wieħed iqis spejjeż diretti u indiretti. Matul is-sena 2022 ġew minfuqa madwar €135 kuljum għal kull priġunier.

Seduta 91
22/02/2023

**FTEHIM BEJN L-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ U L-VICTIM SUPPORT AGENCY**

**6441. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim bejn l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u l-Victim Support Agency?

13/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ftehim qed jitpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 91
22/02/2023

**SERVIZZ TA' DIJETETIKU**

**6442. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsisti s-servizz ta' dijetetiku u kif wieħed jista' jagħmel użu minnu?

13/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li s-servizz dijetetiku huwa offrut fid-djar residenzjali tal-Gvern u f'dawk privati fejn hemm sodod mixtrija mill-Gvern. Dan is-servizz huwa offrut ukoll lil dawk l-anzjani li ma jistgħux joħorġu minn djarhom għal dan is-servizz.
Kriterji ta' Riferiment għal servizzi dijetetiċi:
A. Malnutrizzjoni jew f'riskju ta' malnutrizzjoni
· Pazjenti mibdula għal dieta likwidata;
· Feriti – stadju 4-5 jew feriti li ma jfiqux jew feriti b'evidenza ta' malnutrizzjoni (konsum baxx, piż li jiddeterjora);
· Evidenza ta' malnutrizzjoni: Deterjorament fil-Konsum/Piż.
B. Nutrizzjoni Enterali
· Il-persuni kollha fuq Tmigħ Enterali (tmigħ permezz ta' tubu NG, RIG jew PEG);
· Titrazzjoni għal dieta orali
C. Oħrajn
· F'każ ta' tħassib nutrittiv ieħor, dawn iridu jiġu diskussi mad-dijetista tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

Dan is-servizz huwa offrut lil:
• Anzjani ta' 60 sena 'l fuq, u ma joħorġux minn darhom.

• Residenti f'Dar Residenzjali tal-Gvern jew li jifforma parti mill-iskema tal-Public Private Partnership (PPP).
• Lil min jgħix fid-dar personali tiegħu u li ma jistax ikollu aċċess fi klinika tal-gvern minħabba saħħa u fraġilità.

Wieħed jista' japplika billi jniżżel applikazzjoni mis-sit tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Mehmuż mal-applikazzjoni, wieħed irid jinkludi:
• Rapport Mediku ffirmat mit-tabib tal-familja;
• Lista ta' kwalunkwe medikazzjoni li tittieħed'
- għal min jgħix f'dar residenzjali tal-Gvern jew dar residenzjali li tifforma parti mill-iskema tal-PPP, għandu jiġi riferut għal dan is-servizz mit-tabib jew infermiera responsabbli tad-dar residenzjali.

Seduta 91
22/02/2023

**ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM – TAĦRIĠ TAL-IT LILL-ANZJANI**

**6443. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fejn sar it-taħriġ tal-IT lill-anzjani li jattendu fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum u residenti fid-djar residenzjali tal-Gvern matul dawn l-aħħar sentejn u jekk hux se jsir aktar taħriġ matul din is-sena?

13/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi f'dawn l-aħħar sentejn sar it-taħriġ tal-IT lill-anzjani li jattendu fiċ-Ċentri għall-Anzjanità Attiva ta' Birżebbuġa, il-Ħamrun, Ħad-Dingli, il-Mosta, in-Naxxar, Sta. Venera, San Pawl il-Baħar, is-Siġġiewi, l-Imġarr, Ħal-Luqa u s-Swieqi. Dan it-taħriġ sar ukoll ġewwa d-dar residenzjali tal-Mellieħa u bħalissa qiegħed jingħata fiċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva ta' Ħaż-Żebbuġ.
L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità għadha kif iffirmat ukoll ftehim mal-Foundation for Information Technology Accessibility (FITA) biex tkompli toffri aktar taħriġ lill-Anzjani, f'livelli differenti.

Seduta 91
22/02/2023

**ĊENTRI TA' MATUL IL-JUM – KORSIJIET TA' TISJIR LILL-ANZJANI**

**6444. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid fejn se jiġu organizzati l-korsijiet ta' tisjir lill-anzjani li jattendu ċ-Ċentri ta' Matul il-Jum matul din is-sena?

13/02/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ma torganizzax korsijiet ta' tisjir iżda jiġu organizzati sessjonijiet u taħditiet għall-anzjani dwar it-tisjir.
Minn żmien għal żmien jiġu organizzati sessjonijiet ta' tisjir f'xi Ċentri tal-Anzjanità Attiva bħala parti mill-programm ta' attivitajiet. Dawn is-sessjonijiet isiru mill-impjegati taċ-Ċentri rispettivi kif ukoll minn membri li jattendu ċ-ċentru.

Seduta 91
22/02/2023

**RAĦAL ĠDID – DAWL FIT-TOROQ**

**6445. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li jsiru t-tiswijiet meħtieġa biex jerġa' jixgħel id-dawl tat-triq f'ħafna partijiet minn Raħal Ġdid, fiż-żona bejn il-Pjazza u Triq Lampuka, u minn Triq il-Knisja sa Wied Blandun? Tista' tara li tinstab il-kawża ewlenija tal-problema peress li mhux l-ewwel darba li kien hemm il-ħsara fl-istess żona, titranġa, u terġa' tinqala'?

13/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li din il-ħsara ġiet rapportata lill-Enemalta mill-Kunsill Lokali fit-13 ta' Frar 2023, din il-ħsara ġiet irranġata fl-14 ta' Frar 2023.

Seduta 91
22/02/2023

**MELLIEĦA – WESGĦA GĦAL ŻVILUPP**

**6446. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li l-wesgħa li tinsab bejn Triq is-Sagħtar, Triq il-Miġħba u Triq in-Narċis fil-Mellieħa, li hija fil-qalba ta' żona residenzjali, fl-aħħar jiem inħarġet b'offerta mill-Awtorità tal-Artijiet b'intenzjoni ċara li tiġi żviluppata f'aktar bini, tista' l-Ministru tara li tittieħed minn Project Green (b'konsultazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa) sabiex isir proġett għat-tgawdija tal-komunità Melliħija?.

13/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li Project Green diġà għaddejja b'konsultazzjoni mal-entitajiet ikkonċernati sabiex isir proġett fil-Mellieħa għat-tgawdija tal-komunità Melliħija.

Seduta 91
22/02/2023

**ĦAL QORMI – ĠNIEN VJAL DE LA CRUZ - PROĠETT**

**6451. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jibda l-proġett li hemm ippjanat fi Ġnien Vjal de la Cruz, Ħal Qormi?

13/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali illi għaddejjin il-proċessi u diskussjonijiet relattivi mal-entità kkonċernata sabiex l-ewwel jiġġedded il-kuntratt ta' devoluzzjoni tal-ġnien imsemmi.

Seduta 91
22/02/2023

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – PRIĠUNIERI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA**

**6459. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6128 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riforma u l-Ugwaljanza u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid bħalissa kemm hemm priġunieri barranin fuq bail u kemm hemm minnhom li qegħdin jistennew li jgħaddu ġuri fuq attentat ta' qtil, fuq qtil, serq aggravat u traffikar tad-droga?

13/02/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sas-17 ta' Frar 2023 fil-Qorti ta' Malta hemm 28 persuna barranija fuq libertà proviżjorja jistennew li jgħaddu ġuri fuq attentat ta' qtil, qtil, serq aggravat u traffikar ta' droga.

Seduta 91
22/02/2023

**EATRU MANOEL - JOB DESCRIPTION TAL-IMJEGATI**

**6461. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6057, jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari kollha u jagħti rendikont tal-job description ta' kull grad li hemm fit-Teatru Manoel? Jista' wkoll jikkonferma li kull grad qed jaħdem skont il-job description li għandu?

13/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| *Grade | Nomenclature | Job Description |
|---|---|---|
| 2 | CEO | |
| 2 | COO | |
| 4 | Assistant Director | Marketing & Audience Development |
| 4 | Senior Manager | Production & Events |
| 4 | Senior Manager | HR & Admin |
| 5 | Manager | Facilities |
| 5 | Manager | Education Programme |
| | | |
| ****Grade** | **Nomenclature** | **Job Description** |
| A | Senior Executive | Secretary |
| A | Senior Executive | Booking Office |
| A | Senior Executive | Light Technician |
| A | Senior Executive | Stage Artist |
| B | Executive Officer | Wardrobe Mistress |
| B | Executive Officer | Procurement |
| B | Executive Officer | Stage Crew |
| B | Executive Officer | Accounts & HR |
| B | Executive Officer | Maintenance & Stage Crew |
| C | Officer | Stagehand |
| C | Officer | Booking Office and Cultural Service |
| C | Officer | Wardrobe |
| C | Officer | Stage Crew |
| C | Officer | Administration Assistant |
| C | Officer | Tradesman Wardrobe |
| C | Officer | Light Technician & Stage Crew |
| C | Officer | Stage Crew & Maintenance |
| D | Theatre Attendant | Theatre Attendant |
| | | |
| | | |
| **As per ACM and PCO Grading and Salary Structure* | | |
| ***As per Collective Agreement 2019 - 2023* | | |

Intant, infurmat mit-Teatru Manoel li kull grad qed jaħdem skont il-job description li għandu.

Seduta 91
22/02/2023

**OPERA TOSCA – SPIŻA**

**6462. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6086 u jgħid kemm ser titħallas il-persuna, li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, u kemm se jitħallsu kull kantant/a u l-koristi? Kemm ġejjin jiswew ix-xenarju, il-props l-oħra, id-dawl, is-sound, in-nies involuti fil-produzzjoni, l-ilbies/kostumi, l-orkestra, il-kirja ta' partituri, ir-reklamar u oħrajn miċ-ċifra msemmija ta' €400,000 għall-Opera Tosca?

13/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-Opera ta' Puccini - Tosca ser tkun qed tiġi mtella' fit-Teatru Manoel bejn il-5 u t-12 ta' Marzu, bil-parteċipazzjoni tat-tenur internazzjonali Jose Cura u ser tiġi finanzjata mill-Aġenzija Kulturali tal-Belt Valletta VCA (€200,000) u t-Teatru Manoel (€206,114.80).

Intant, tajjeb jiġi rrimarkat li din l-opra hija l-ewwel waħda tax-xorta tagħha, partikolarment mill-aspett ta' daqs. *In oltre*, għall-ewwel darba ser naraw il-parteċipazzjoni tal-Orkestra Filarmonika Nazzjonali sħiħa f'opri simili.

Din l-opra hija importanti ħafna għall-fatt li ser tkun qed tpoġġi lit-Teatru Manoel u l-Belt Valletta fuq il-mappa Operistika Internazzjonali, tant li diġà qed ikun hemm rappurtaġġ internazzjonali dwar l-istess opra.

Intant, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont dettaljat tan-nefqa surreferita.

Seduta 91
22/02/2023

**TEATRU MANOEL - IMPJEGATI**

**6463. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6056 u jgħid kemm żdiedu impjegati mat-Teatru Manoel fis-snin 2013, 2014, 2015, 2016, 2017, 2018, 2019, 2022 u 2023 s'issa? Jista' jipprovdi lista tal-ħaddiema, f'liema grad daħlu kull sena u f'liema grad jinsabu llum il-ġurnata? Jista' jgħid kemm hemm ħaddiema seconded minn entitajiet oħrajn tal-Gvern u minn fejn ġew seconded? F'liema grad kienu meta daħlu u f'liema grad jinsabu fih illum? Jista' jgħid kemm daħlu impjegati ġodda kull sena mill-2013 sal-lum?

13/02/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Emp. Type | Emp. Nature | Designation | Employment Date | |
|---|---|---|---|---|
| Full Time | Indefinite | Officer Maintenance | 02/07/2020 | |
| Full Time | Indefinite | Stage Hand | 11/12/2017 - 19/12/2019 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Officer Maintenance | 20/12/2019 | |
| Full Time | Indefinite | Events Coordinator | 14/10/2013 - 31/05/2016 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Procurement Eexecutive | 01/06/2016 - 19/11/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Theatre Attendent | 17/06/2020 | |
| Full Time | Indefinite | CEO | 01/10/2014 - 31/01/2017 | |
| Reduced Full Time | Indefinite | Cleaner | 02/05/2017 - 30/09/2017 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Cleaner | 01/10/2017 | |
| Full Time | Indefinite | Executive Stage Hand | 20/02/2017 - 27/11/20 | |
| Full Time | Indefinite | Admin Assistant | 09/06/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Executive Stage Artist | 17/10/2016 | |
| Full Time | Indefinite | Manager Facilities | 13/03/2017 | |
| Full Time | Indefinite | Marketing and Audience Development Manager | 16/09/2019 - 31/05/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Stage Hand | 26/03/2018 | |
| Full Time | Definite | Accounts Executve | 09/12/2014 - 09/09/2016 | |
| Part Time | Definite | Stage Hand | 02/09/2015 - 30/10/2015 | |
| Student | Student | Student | 11/07/2022 - 05/08/2022 | |
| Full Time | Indefinite | Stage Hand | 16/03/2015 - 28/10/2016 | |
| Reduced Full Time | Student | Clerk | 16/08/2021 - 10/09/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Accounts Executve | 01/11/2017 | |
| Full Time | Indefinite | ICT Manager | 25/05/2019 - | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | 20/07/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Finance Manager | 06/07/2015 - 01/01/2019 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Finance Senior Manager | 02/01/2019 - 24/09/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Accounts Executve | 10/07/2017 - 01/07/2022 | |
| Full Time | Indefinite | Wardrobe Mistress | 01/03/2014 - 16/10/2016 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Executive Wardrobe Mistress | 17/10/2016 | |
| Full Time | Definite | CEO | 04/11/2016 - 20/11/2020 | |
| Full Time | Indefinite | Stage Hand | 19/02/2017 - 30/04/2022 | |
| Full Time | Indefinite | Art Project Designer Manager | 20/03/2017 - 20/05/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Executive Education Programme | 18/06/2018 - 08/03/2020 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Manager Education Programme | 09/03/2020 | |
| Full Time | Indefinite | Artistic Director | 05/03/2013 - 03/04/2013 | |
| Full Time | Indefinite | Cleaner | 02/05/2017 - 19/12/2019 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Officer Booking Office | 20/12/2019 | |
| Part Time | Student | Clerk (Student) | 23/07/2018 - 20/09/2018 | |
| Part Time | Definite | Stage Hand | 01/05/2015 - 30/06/2015 | |
| Full Time | Definite | Tradesman | 01/06/2021 | |
| Reduced Full Time | Indefinite | Executive Baroque Festival & Opera | 18/06/2018 - 20/10/2022 | |
| Full Time | Indefinite | Events Coordinator | 17/06/2013 - 21/08/2013 | |
| Part Time | Student | Clerk (Student) | 23/07/2018 - 06/08/2018 | |
| Part Time | Student | Clerk (Student) | 23/07/2018 - 10/08/2018 | |
| Full Time | Indefinite | Events Manager | 01/11/2014 - 30/09/2016 | |
| Full Time | Indefinite | Events Manager | 17/10/2016 | |
| Full Time | Indefinite | Booking Office Executive | 21/03/2017 | |
| Full Time | Indefinite | Tradesman | 19/09/2022 | |
| Part Time | Indefinite | Cultural Work | 01/10/2014 - 31/01/2020 | |
| Student | Student | Student | 11/07/2022 - 05/08/2022 | |
| Student | Student | Clerical | 12/07/2021 - 06/08/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Wardrobe Officer | 27/03/2017 | |
| Full Time | Student | Wardrobe Asst | 23/07/2013 - 27/09/2013 | |
| Student | Student | Student | 13/07/2020 - 28/09/2020 | *L-istess individwu |
| Student | Student | Student | 12/07/2021 - 13/08/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Officer Stage Crew | 25/09/2017 | |
| Full Time | Indefinite | Stage Hand | 01/01/2014 - 30/06/2014 | |
| Full Time | Indefinite | Cleaner | 02/05/2017 - | *L-istess |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | 19/12/2019 | individwu |
| Full Time | Indefinite | Officer Stage Crew | 20/12/2019 - 02/08/2022 | |
| Part Time | Definite | Student | 11/07/2022 - 05/08/2022 | |
| Full Time | Indefinite | Executive Light ech | 17/10/2016 | |
| Full Time | Indefinite | Driver Messanger | 03/04/2017 - 19/12/2019 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Officer Stage Crew | 20/12/2019 | |
| Full Time | Indefinite | Theatre Attendant | 03/06/2020 | |
| Full Time | Indefinite | COO | 16/08/2021 | |
| Student | Student | Student | 12/07/2021 - 06/08/2021 | |
| Full Time | Definite | Asst Director Marketing & Audience Development | 03/09/2021 - 03/09/2025 | |
| Full Time | Definite | Senior Manager (HR & Admin) | 29/04/2022 - 29/04/2026 | |
| Student | Student | Student | 12/08/2013 - 30/09/2013 | |
| Student | Student | Student | 16/08/2022 - 09/09/2022 | |
| Full Time | Indefinite | Executive Officer Stage Crew | 21/06/2021 | |
| Full Time | Definite | CEO (Currently Suspended) | 21/12/2020 - 21/12/2024 | |
| Full Time | Indefinite | Artistic Consalutant | 01/01/2014 - 11/04/2017 | *L-istess individwu |
| Full Time | Indefinite | Artistic Director | 12/04/2017 - 31/12/2021 | |
| Full Time | Indefinite | Procurement Eexecutive | 01/01/2022 | |
| Full Time | Indefinite | HR & Accounts Executive | 08/11/2021 | |

Seduta 91
22/02/2023

**ON-PROFIT ORGANISATIONS – APPLIKAZZJONI GĦAL-LIĊENZJA LILL-MEMBRI BIEX IFORNU L-KANNABIS**

**6464. L-ONOR. CRESSIDA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tar-riforma li permezz tagħha l-Gvern se jkun qed jipproteġi lil dawk li jużaw il-kannabis mis-suq kriminali, fejn tħabbar li mit-28 ta' Frar Non-Profit Organisations se jkunu jistgħu japplikaw għal-liċenzja meħtieġa biex ifornu l-kannabis lill-membri tagħhom, jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm diġà diskussjonijiet mal-banek lokali biex jiġi żgurat li tali Non-Profit Organisations ma jispiċċawx ristretti mis-servizzi tal-banek minħabba n-natura tan-negozju tagħhom, li huwa wkoll ġdid għas-servizz offrut mill-banek?

13/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi hemm diskussjonijiet għaddejjin ma' bank ewlieni. Fil-ġimgħat li ġejjin se jissoktaw id-diskussjonijiet anke ma' banek oħra lokali.

Seduta 91
22/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ IT-TELGĦA TA' RAĦAL ĠDID - ŻAMMA TAL-VERTICAL GARDEN**

**6465. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min huwa responsabbli għaż-żamma tal-vertical garden ġewwa Triq it-Telgħa ta' Raħal Ġdid? X'qed isir biex wieħed jara li dan qed jinżamm fi standard mixtieq?

14/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 6465 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**ĦITAN TAS-SEJJIEĦ ISSIĠILATI BIL-KONKOS**

**6466. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk għadhiex illegalità li l-ħitan tas-sejjieħ jiġu ssiġillati bil-konkos? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid kif qed jara li jiġi regolarizzat dan u jekk għadx hemm uffiċjali li jiċċekkjaw li dan qed isir u għaldaqstant tiġi infurzata din il-liġi?

14/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 6466 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ IT-TELGĦA - SIĠAR**

**6467. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn inqalgħu s-siġar kollha matul Triq it-Telgħa ġewwa Paola? X'ser isir minflokhom u għaliex kien hemm dan il-bżonn?

14/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellanta li Triq it-Telgħa ġewwa Raħal Ġdid ma teżistix fuq is-Survey ta' Planning Authority, nitloba tispeċifika jekk hux qed tirreferi għal triq il-Belt Valletta f'Paola.

Seduta 91
22/02/2023

**SANTA VENERA – TREJQA FLEUR-DE-LYS – GĦELUQ TA' AĊĊESS GĦALL-VETTURI**

**6468. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6103 u jgħid jekk fi Trejqa tal-Fleur-de-Lys f'Santa Venera, waqt il-ħinijiet li hemm indikat mat-tabella tat-triq li fiha jingħalaq l-aċċess għall-vetturi fl-istess triq minħabba l-ftuħ tal-iskola, ir-residenti tat-toroq Trejqa tal-Fleur-de-Lys, Triq l-Istampaturi, Triq il-Mastrudaxxi, Triq il-Ħajjata, u Triq il-Bir, għandhomx id-dritt li jgħaddu bil-vetturi tagħhom mill-istess triq?

14/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont il-policy tal-Awtorità tat-Trasport minħabba raġunijiet ta' sigurtà għat-tfal tal-iskola, l-ebda triq li tkun magħluqa fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-iskola ma jista' jkollha aċċess b'vetturi, lanqas għar-residenti. Fil-każ tat-toroq imsemmija l-aċċess li ngħata lir-residenti m'għandux l-approvazzjoni tal-Awtorità u għaldaqstant l-Awtorità ħadet l-azzjoni neċessarja biex tneħħi din l-irregolarità.

Seduta 91
22/02/2023

**GOZO INNOVATION HUB – FTUĦ TA' KUMPANIJI**

**6469. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija fetħet ġewwa l-Gozo Innovation Hub u kemm iħaddmu nies?

14/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm ħames kumpaniji ingaġġati fl-informazzjoni u t-Teknoloġija li fetħu ġewwa l-Gozo Innovation Hub u dawn jimpjegaw erbgħa u tletin ħaddiem bejniethom.

Seduta 91
22/02/2023

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI – KORRISPONDENZA MIBGĦUTA LIL PERITI**

**6470. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'hini r-raġuni li korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) lil periti fir-rigward ta' method statements u korrispondenza oħra relatata, tkun anonima u ħadd ma qiegħed jerfa' r-responsabbiltà ta' tali korrispondenza?

14/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li korrispondenza mibgħuta mill-portal tal-BCA dejjem ikollha l-isem tal-uffiċjal li qed jibgħatha, dan minħabba n-natura amministrattiva tal-korrispondenza. Korrispondenza oħra li tintbagħat mis-sistema CRM tkun mingħajr l-isem tal-uffiċjal minħabba li l-uffiċjal tal-Awtorità jkun qed iwassal il-messaġġ tal-assessur.

Seduta 91
22/02/2023

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI – ĦRUĠ TA' CLEARANCES**

**6471. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'termini ta' skadenzi hemm minn meta jiġi sottomess method statement mal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) sa meta toħroġ il-'clearance' neċessarja? Hemm xi tip ta' relazzjoni fid-dewmien ta' ħruġ ta' clearances mal-kobor tal-proġett meta ġieli proġetti kbar tinħarġilhom clearance fi tlett ijiem ta' xogħol (3 working days) u proġetti żgħar ġieli jdumu ġimgħat jistennew li toħroġilhom il-clearance?

14/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jeżistu l-ebda termini ta' skadenzi minn meta jiġi sottomess method statement lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni sa meta toħroġ il-clearance neċessarja. Lanqas issir distinzjoni bejn proġett kbir u proġett żgħir fi ħruġ ta' clearance. L-Awtorità tagħmel l-almu tagħha sabiex tapprova fl-inqas żmien possibbli. Ħafna drabi l-kawża tad-dewmien biex joħroġ clearance tkun minħabba li l-method statement li ġie pprovdut lill-Awtorità ma jkunx konformi mal-liġi u b'hekk l-Awtorità titlob lill-perit konċernat sabiex jemenda l-method statement. Drabi oħra tkun minħabba li l-Awtorità titlob xi dokumentazzjoni oħra li toħroġ mil-liġi u l-periti konċernat iddum ma jibgħat risposta.

Seduta 91
22/02/2023

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI – ASSESSORS**

**6472. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'kompetenzi għandhom l-assessors tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) li jassesjaw il-method statements ta' diversi proġetti peress li qed jitolbu informazzjoni mingħand periti li tkun diġà sottomessa fil-method statements u korrispondenza oħra relatata u b'hekk ikunu qed itawlu ż-żmien biex toħroġ il-clearance neċessarja bla bżonn? X'hini r-raġuni li kull korrispondenza minn dawn l-assessors tkun anonima u mhux iffirmata biex b'hekk ikun hemm it-trasparenza neċessarja?

14/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-assessuri tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni kellhom il-Warrant biex jippratikaw ta' Perit flimkien ma' sentejn esperjenza relevanti minn meta rċevew il-warrant; kif kien mitlub mill-istess Awtorità meta ħarġet is-sejħa tal-assessuri u ġew ingaġġati. Għat-tieni parti tal-mistoqsija tiegħek ġentilment ninfurmak li l-assessuri ma jibgħatu l-ebda korrispondenza.

Seduta 91
22/02/2023

**IR-RABAT – PROVVISTA TAL-ELETTRIKU FIN-NAĦA TAL-WIED TAL-ISQOF**

**6479. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 6174, tista' l-Ministru tara li tiġi riżolta l-problema tal-provvista tal-elettriku tar-residenza li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

15/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta marru fuq il-post kull meta l-persuna inkwistjoni għamlet rapport u li l-Enemalta għamlet it-tiswijiet u l-interventi meħtieġa.

Seduta 91
22/02/2023

**APPLIKAZZJONIJIET GĦAĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA NATURALIZZATA**

**6482. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il applikazzjoni għaċ-ċittadinanza Maltija naturalizzata (by naturalisation) irċieva l-Ministeru għall-Intern jew l-entità rilevanti f'dawn l-aħħar ħames snin (mhux b'referenza għal persuni li ngħataw ċittadinanza għax kienu miżżewġin lil ċittadini Maltin)? Minn liema nazzjonalità dawn il-persuni kienu ġejjin?

15/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li matul il-perjodu 1/1/2018 – 31/12/2022 kien hemm 3,627 applikazzjoni għal ċittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni taħt l-artikoli 10 u 11 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188).

Seduta 91
22/02/2023

**PROĊESS TAL-APPLIKAZZJONI GĦAĊ-ĊITTADINANZA MALTIJA NATURALIZZATA**

**6483. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Ġaladarba l-liġi tagħmel referenza għad-diskrezzjoni tal-Ministru biex tingħata ċittadinanza Maltija naturalizzata, li nifhem li din tkun infurmata, jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi ċ-ċittadinanza tintlaqa' u fuq liema tiġi rrifjutata? Hemm sistema trasparenti ta' kif dawn l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati?

Jekk iva, kif taħdem? Hemm sistema ta’ appell? Kemm hu ż-żmien medju minn meta ssir l-applikazzjoni sad-deċiżjoni finali?

15/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kull talba għan-naturalizzazzjoni taħt l-artikoli 10 u 11 tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap. 188) tiġi kkunsidrata, kif dejjem sar minn meta ġie fis-seħħ dan l-Att fl-1965, fuq il-mertu tal-każ, wara li jsiru l-verifiki meħtieġa u jiġi stabbiliti li l-kriterji stipulati fl-istess Att u l-liġijiet sussidjarji tiegħu huma milħuqa. Sakemm ma jkunx hemm xi ċirkostanzi eċċezzjonali, iż-żmien medju hu ta’ madwar sitt xhur.

Seduta 91
22/02/2023

**ĊITTADINANZI MALTIJA GĦAL SERVIZZ EĊĊEZZJONALI**

**6484. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Peress li l-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija, Kap. 188, jagħmel referenza għall-għoti taċ-ċittadinanza għal persuni li taw “servizz eċċezzjonali” lir-Repubblika ta' Malta, jista’ l-Ministru jgħid kemm ingħataw ċittadinanzi fuq din il-bażi f'dawn l-aħħar ħames snin?

15/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li gew approvati 9 applikazzjonijiet fuq mertu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ligijiet Sussidjarja tal-Att dwar iċ-Ċittadinanza Maltija (Kap 188).

Seduta 91
22/02/2023

**NAXXAR – BINI TA’ DISTRIBUTION CENTRE TAL-ELETTRIKU**

**6492. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar bir-referenza PA/03172/22 għall-bini ta' distribution centre tal-elettriku fin-Naxxar, tista' l-Ministru tgħid jekk kinux ikkonsidrati siti oħrajn għal dan id-distribution centre? Jekk iva, liema kienu u x'inhi r-raġuni għala ma ntgħażlux?

15/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li deċiżjoni dwar bini ta’ Ċentru ta’ Distribuzzjoni tittieħed fuq diversi kunsiderazzjoni tekniċi. Kif ġie spjegat f’PQ 6268, in-Naxxar għandu 35 substation kollha li huma mqabbda ma' tliet ċentri tad-distribuzzjoni tal-Mosta, Buġibba u St Andrews. In-Naxxar huwa teknikament l-aktar post ideali li ġie identifikat biex jinbena Ċentru ta’ Distribuzzjoni ġdid li jkun jaqdi prinċipalment lil-lokalità u lokalitajiet iżgħar fil-qrib.

Seduta 91
22/02/2023

**KOMPETIZZJONI TA’ SUMMIEN**

**6494. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6171, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Agrikolutra, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u li issa ġiet riferuta lilu, u jgħid x'azzjonijiet ħa dwar kompetizzjoni li seħħet nhar is-Sibt, 4 ta' Frar 2023, fejn għadd ta' summien li ġew imfaqqsa u trabbew fil-magħluq, ġew mitluqin u numru ta' kaċċaturi flimkien mal-klieb tagħhom setgħu joqtluhom? Jista' jispjega kif din l-attività setgħet issir ladarba l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta, speċifikament jipprojbixxi dan u jsostni dan li ġej:

"8.(2) L-ebda annimal m'għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn jew jiġi soġġett għal attivitajiet li ma jkunux fin-natura tiegħu. L-ebda annimal ma jista’ jiġi abbandunat.".

Jista' jgħid din il-kompetizzjoni kif setgħet tiġi aċċettata li ssir jekk dawk is-summien ġew mitluqa u abbandunati?

15/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Inerpellant li l-attività li saret nhar l-4 ta' Jannar 2023 ma kinitx tinvolvi l-abbandun ta' annimali, iżda r-rilaxx u kaċċa fuq summien imrobbi fil-magħluq għall-iskop ta' taħriġ ta' klieb tal-kaċċa. It-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU) awtorizzat dan l-avveniment skont it-termini tar-Regolament 18(1)(a) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (S.L. 549.42).

Seduta 91
22/02/2023

**KONVENZJONI RAMSAR – PROJBIZZJONI DWAR L-UŻU TA' SPARAR BIĊ-ĊOMB**

**6496. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk Malta u Għawdex hux se jaderixxu mal-Konvenzjoni Ramsar (bħall-bqija tal-Ewropa) li tipprojbixxi l-użu ta' sparar biċ-ċomb peress li dan jikkawża problemi tossiċi kbar kemm fl-għasafar kif ukoll fil-kreaturi kollha li possibbilment jixorbu minn dan l-ilma, f'artijiet pubbliċi u privati li huma mistagħdra (wetlands) jew li għandhom għadajjar sew jekk huma naturali kif ukoll jekk huma artifiċjali?

15/02/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern diġà qed jissalvagwardja l-għan tal-Konvenzjoni. Dan għaliex iż-żewġ siti ta' artijiet mistagħdra u l-madwar tagħhom designati taħt il-Konvenzjoni Ramsar huma santwarji tal-għasafar fejn il-kaċċa hija projbita, kif ukoll il-fatt li l-kaċċa minn fuq l-art hija projbita f'50m minn bajjiet protetti u anki minn fuq il-baħar f'distanza ta' inqas minn 3km mill-kosta.

Seduta 91
22/02/2023

**KONVENZJONI RAMSAR – PROJBIZZJONI DWAR L-UŻU TA' SPARAR BIĊ-ĊOMB**

**6497. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista l-Ministru jgħid jekk Malta u Għawdex hux se jaderixxu mal-Konvenzjoni Ramsar (bħall-bqija tal-Ewropa) li tipprojbixxi l-użu ta' sparar biċ-ċomb peress li dan jikkawża problemi tossiċi kbar, kemm fl-għasafar kif ukoll fil-kreaturi kollha li possibbilment jixorbu minn dan l-ilma, f'artijiet pubbliċi u privati li huma mistagħdra (wetlands) jew li għandhom għadajjar sew jekk huma naturali kif ukoll jekk huma artifiċjali?

15/02/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tressaq din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – APPROVAZZJONI TA' PERMESSI FUQ ART ODZ**

**6498. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6117 u jgħid kemm-il permess ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq art ODZ matul is-sena 2022?

16/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li aktar minn 67% tal-permessi maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, kif indikat minnu fl-2022, saru għal skop ta' biedja jew sajd, faċilitajiet rikreattivi jew sportivi, għal servizzi komunitarji u mediċi, għall-immaniġġar tal-iskart u f'alterazzjonijiet fuq bini diġà eżistenti, li jinsab kompletament jew għandu biċċa mill-art 'il barra miż-żona tal-iżvilupp (ODZ).

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista sħiħa tat-tip ta' żviluppi li ġew approvati f'dan ir-rigward matul is-sena li għaddiet.

Seduta 91
22/02/2023

**MELLIEĦA – ŻONA TAL-GĦOLJIET TAL-MELLIEĦA – VALUR TAL-ART**

**6499. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kif inħadem il-prezz tal-valur tal-art li tinsab fiż-żona tal-Għoljiet tal-Mellieħa (Mellieħa Heights), fil-Mellieħa, li ħarġet b'tender mill-Awtorità tal-Artijiet (Avviż Numru 8 - Sit tal-Qortin) u kemm hu indikat allura l-istess valur?

16/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-prezz tal-valur tal-art inħadem bil-valutazzjoni skont l-artikolu 79 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, Kap. 573. Rigward il-kumplament tal-mistoqsija l-informazzjoni diġà hija pubblika u tinsab fuq l-istess avviż li qed jelenka l-istess Onor. Interpellant.

Seduta 91
22/02/2023
**MELLIEĦA – ŻONA TAL-GĦOLJIET TAL-MELLIEĦA – TENDER**

**6500. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokumenti kollha relatati mal-ħruġ tat-tender li nħareġ mill-Awtorità tal-Artijiet (Avviż Numru 8 - Sit tal-Qortin ) relatat ma' art fil-Mellieħa f'żona magħrufa bħala l-Għoljiet tal-Mellieħa (Mellieħa Heights)?

16/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi d-dokumenti relatati mal-ħrug tat-tender huma diġà pubbliċi u aċċessibbli għal kulħadd fuq il-website tal-Awtorità.

Seduta 91
22/02/2023

**MELLIEĦA – ŻONA TAL-GĦOLJIET TAL-MELLIEĦA – GĦOTI TA' ART GĦALL-PROJECT GREEN**

**6501. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra li jirtira t-tender 'Avviż Numru 8 - Sit tal-Qortin fil-Mellieħa' sabiex jidħol bħala parti mill-inizjattiva tal-Gvern mnedija minn Project Green u minflok din l-art, li tinsab fiż-żona magħrufa bħala l-Għoljiet tal-Mellieħa (Mellieħa Heights), tispiċċa f'aktar bini bla rażan, tingħata għat-tgawdija tal-ġid komuni fi spazju miftuħ?

16/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sit inkwistjoni ilu pjanat għall-iżvilupp mill-Iskemi Temporanji tal-1988, bl-iżvilupp residenzjali jiġi stabbilit bil-pjan lokali 2006.
Il-Ministru jinforma wkoll lill-Onor. Interpellant illi fl-inħawi tal-Qortin hemm tal-inqas sitt żoni pjanati bħala żoni miftuħin għall-pubbliku.
Rigward il-mistoqsija tal-Project Green, nitolbok tagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**MELLIEĦA – ŻONA TAL-GĦOLJIET TAL-MELLIEĦA – TALBIET GĦAL ĦRUĠ TA' TENDERS**

**6502. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-aħħar 30 sena kienx hemm talbiet oħra għal ħruġ ta' tenders fuq art fil-Mellieħa fiż-żona magħrufa bħala l-Għoljiet tal-Mellieħa - Mellieħa Heights, art li bħalissa inħarġet sejħa għall-offerti fuqha - Avviż Numru 8- Sit tal-Qortin - mill-Awtorità tal-Artijiet ?

16/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 91
22/02/2023

**MELLIEĦA – ŻONA TAL-GĦOLJIET TAL-MELLIEĦA – OĠĠEZZJONJIET GĦAL TENDER**

**6503. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux konxju/infurmat mit-talbiet/oġġezzjonijiet varji li qed jagħmlu numru kbir ta' residenti li joqogħdu fiż-żona tal-Għoljiet tal-Mellieħa dwar il-ħruġ tat-tender 'Avviż Numru 8 - Sit tal-Qortin' mill-Awtorità tal-Artijiet fil-Mellieħa, liema tender ser ikun ifisser aktar bini bla rażan f'din iż-żona fil-Mellieħa?

16/02/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministru huwa konxju minn dawn l-oġġezzjonijet.

Seduta 91
22/02/2023

**KERĊEM, GĦAWDEX – GĦADIRA TA' SAN RAFFLU - XOGĦLIJIET**

**6514. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 3368, 4095 u 6355, jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru fl-Għadira ta' San Rafflu fil-limiti ta' Kerċem? Jista' jgħid liema awtorità hija inkarigata sabiex iżżomm l-ambjent tal-istess għadira nadif?

16/02/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**RAĦAL ĠDID – PJAZZA ANTOINE DE PAULE**

**6515. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-uffiċjali tal-Ministeru marrux sabiex jeżaminaw l-istat li tinsab fih il-Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid, *in vista* tal-fatt li hemm ħafna traffiku li jgħaddi minnha u din jidher li għadha m'għaddietx lura f'idejn il-Kunsill Lokali?

16/02/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għall-mistoqsija parlamentari 4461.

Seduta 91
22/02/2023

**RAĦAL ĠDID – TRIQ NINU CREMONA – TAPPIERA**

**6516. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-uffiċjali tal-Ministeru marrux jaraw it-tappiera li hemm fil-bidu ta' Triq Ninu Cremona, Raħal Ġdid billi qiegħda tagħti fastidju bil-ħoss kull darba li jgħaddu l-karozzi minn fuqha?

16/02/2023
**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 6516 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**MARSASKALA – TOROQ MINGĦAJR DAWL**

**6524. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li tissewwa l-ħsara li qed tikkawża biex Triq in-Nadur kollha (minn triq il-Gardiel sal-Pharmacy); Triq Vittorio Cassar kollha; Triq il-Granmastri; Triq is-Salini (minn Triq is-Sajjieda sal-eks Jerma Palace Hotel); Dawret it-Torri kollha u Triq Philipe De Vendome u oħrajn fil-madwar, f'Marsaskala, ma jibqgħux fid-dlam?

16/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ħsarat fit-toroq imsemmija f'Marsaskala kienu kkawżati bħal ħafna ħsarat oħra mill-maltemp. Ninsab infurmata li l-Enemalta fit-18 ta' Frar għamlet it-tiswijiet tal-ħsarat li wħud minnhom kienu intermittent li jfisser li l-ħsara tkun hemm għall-mument.
Fi Triq Vittorio Cassar instabet demarcation box tal-Kunsill Lokali li kienet maħruqa minħabba li daħal fiha l-ilma tax-xita. Din ġiet skonnettjata u s-circuit inxtegħel. Parti mill-ħsara fi Triq is-Salini għadha qed tiġi investigata biex isiru t-tiswijiet meħtieġa.

Seduta 91
22/02/2023

**PULIZIJA – PERSUNI AKKUŻATI BI TRAFFIKAR TA' DROGA F'GĦAWDEX**

**6525. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu persuni akkużati bi traffikar ta' droga f'Għawdex, sena b'sena, mill-2013 sal-2023?

16/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' persuni li ġew akkużati bi traffikar ta' droga f'Għawdex mill-Pulizija tad-Distrett u dawk tat-Taqsima ta' Kontra d-Drogi, sena b'sena, mill-2013 sas-16 ta' Frar 2023 kien kif jidher hawn taħt. Infurmat li hemm każijiet fejn għalkemm il-persuni tressqu fil-Qorti fis-snin indikati, ir-reat seta' seħħ qabel.

| Sena | Numru ta' persuni li ġew akkużati bi traffikar ta' droga f'Għawdex |
|---|---|
| 2013 | 4 |
| 2014 | 4 |
| 2015 | 5 |
| 2016 | 6 |
| 2017 | 4 |
| 2018 | 4 |
| 2019 | 14 |
| 2020 | 6 |
| 2021 | - |
| 2022 | 3 |

Seduta 91

22/02/2023

**PULIZIJA – RAPPORTI DWAR KAŻI TA' OMIĊIDJI F'GĦAWDEX**

**6526. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' omiċidji ġewwa Għawdex, sena b'sena, mill-2013 sal-2023?

16/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi in-numru ta' każijiet ta' omiċidji li seħħew ġewwa Għawdex, mis-sena 2013 sa 2023 kien kif indikat fit-tabella hawn taħt:

| Year | Cases |
|---|---|
| 2013 | 1 |
| 2014 | 0 |
| 2015 | 1 |
| 2016 | 0 |
| 2017 | 0 |
| 2018 | 1 |
| 2019 | 0 |
| 2020 | 0 |
| 2021 | 0 |
| 2022 | 2 |
| 2023* | 0 |
| Total | 5 |

***sa 16 ta Frar**

Seduta 91
22/02/2023

**PULIZIJA – PERSUNI AKKUŻATI BIR-REAT TA' VJOLENZA DOMESTIKA F'GĦAWDEX**

**6527. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu persuni l-Qorti mill-Pulizija akkużati bir-reat ta' vjolenza domestika f'Għawdex, sena b'sena, mill-2013 sal-2023?

16/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi in-numru ta' persuni li tressqu persuni l-Qorti mill-Pulizija akkużati b'reati relatati ma' vjolenza domestika f'Għawdex, sena b'sena, mill-2013 sal-2023 kien kif jidher fit-tabella hawn taħt:

| Persuni mressqa l-Qorti mill-Pulizija akkużati b'reati relatati ma' vjolenza domestika f'Għawdex | |
|---|---|
| Sena | Ammont |
| 2013 | 44 |
| 2014 | 59 |
| 2015 | 46 |
| 2016 | 56 |
| 2017 | 48 |
| 2018 | 55 |
| 2019 | 23 |
| 2020 | 50 |
| 2021 | 53 |
| 2022 | 64 |

| | |
|---|---|
| 2023* | 19 |

***sa 15 ta Frar**

Seduta 91
22/02/2023

**PULIZIJA – FAILED ASYLUM SEEKERS LI GĦANDHOM POLICE CARD**

**6528. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn failed asylum seekers li għandhom Police Card? Jista' l-Ministru jagħti din l-informazzjoni fi klassifikazzjoni skont minn liema pajjiż dawn ġejjin u kemm ilhom Malta?

16/02/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 91
22/02/2023

**IMPJEGTI MALTIN FL-2012**

**6529. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6374 u jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati Maltin li fl-2012 kienu jaqilgħu bejn:

€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000,
u aktar minn €90,000?

16/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija elenkata hawn taħt:

| Salary Brackets Maltese 2012 | Numru ta' impjegati |
|---|---|
| BETWEEN 0 and 10000 | 43114 |
| BETWEEN 10001 and 15000 | 35401 |
| BETWEEN 15001 and 20000 | 30251 |
| BETWEEN 20001 and 25000 | 20740 |
| BETWEEN 25001 and 30000 | 10440 |
| BETWEEN 30001 and 35000 | 5513 |
| BETWEEN 35001 and 45000 | 4946 |
| BETWEEN 45001 and 60000 | 2448 |
| BETWEEN 60001 and 90000 | 1520 |
| Above 90001 | 538 |
| TOTAL | 154911 |

Seduta 91
22/02/2023

**IMPJEGATI MINN PAJJIŻI TAL-UNJONI EWROPEA JAĦDMU F'MALTA FL-2012**

**6530. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6375 u jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li fl-2012 kienu jaħdmu f'pajjiżna u jaqilgħu bejn:

€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000
u aktar minn €90,000?

16/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija elenkata hawn taħt:

| **Salaries EU Nationals fl-2012** | |
|---|---|
| **Salary Brackets TCN** | **Numru ta' Impjegati** |
| **BETWEEN 0 and 10000** | 7313 |
| **BETWEEN 10001 and 15000** | 2149 |
| **BETWEEN 15001 and 20000** | 1430 |
| **BETWEEN 20001 and 25000** | 1070 |
| **BETWEEN 25001 and 30000** | 643 |
| **BETWEEN 30001 and 35000** | 424 |
| **BETWEEN 35001 and 45000** | 499 |
| **BETWEEN 45001 and 60000** | 294 |
| **BETWEEN 60001 and 90000** | 350 |
| **Above 90001** | 322 |

Seduta 91
22/02/2023

**IMPJEGATI MINN PAJJIŻI TAL-UNJONI EWROPEA FL-2021**

**6531. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol:
Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6376 u jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea li fl-2021 kienu jaħdmu f'pajjiżna u jaqilgħu bejn:

€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000
u aktar minn €90,000?

16/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta 91
22/02/2023

**IMPJEGATI THIRD COUNTRY NATIONALS FL-2012**

**6532. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 6377 u jgħid kemm kien in-numru ta' impjegati Third Country Nationals (TCN) li fl-2012 kienu jaqilgħu bejn:

€0-€10,000;
€10,000-€15,000;
€15,000-€20,000;
€20,000-€25,000;
€25,000-€30,000;
€30,000-€35,000;
€35,000-€45,000;
€45,000-€60,000;
€60,000-€90,000
u aktar minn €90,000?

16/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija elenkata hawn taħt:

| TCNs Salary Bracket 2012 | Numru ta' Impjegati |
|---|---|
| BETWEEN 0 and 10000 | 1958 |
| BETWEEN 10001 and 15000 | 697 |
| BETWEEN 15001 and 20000 | 384 |
| BETWEEN 20001 and 25000 | 195 |
| BETWEEN 25001 and 30000 | 117 |
| BETWEEN 30001 and 35000 | 49 |
| BETWEEN 35001 and 45000 | 50 |
| BETWEEN 45001 and 60000 | 45 |
| BETWEEN 60001 and 90000 | 42 |
| Above 90001 | 23 |

Seduta 91
22/02/2023

**ITS - STUDENTI LI GGRADWAW MILL-KORSIJIET MQF LEVEL 6**

**6533. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm iggradwaw studenti mill-korsijiet MQF Level 6 mill-Istitut għall-Istudji tat-Turiżmu (ITS) ikklassifikati skont ir-raħal ta' fejn jirrisjedu, bejn l-2012 u l-2022?

16/02/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn mindu bdew jiġu offruti korsijiet fil-livell MQF 6, in-numru ta' gradwati mill-Istitut tat-Turiżmu kien is-segwenti:

| **Sena** | **Numru ta' gradwati** |
|---|---|
| 2017/8 | 23 |
| 2018/9 | 17 |
| 2019/20 | 39 |
| 2020/1 | 35 |
| 2021/2 | 52 |

Fl-aħħar sentejn iggradwaw ukoll 36 student fil-livell MQF 7.

Seduta 91
22/02/2023

**ITS - STUDENTI LI KKWALIFIKAW MILL-KORSIJIET MQF 3, 4 U 5**

**6534. L-ONOR. KATYA DE GIOVANNI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ikkwalifikaw studenti mill-korsijiet MQF 3, 4 u 5 mill-Istitut għall-Istudji tat-Turiżmu (ITS) skont ir-raħal ta' fejn jirrisjedu bejn l-2012 u 2022?

16/02/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' gradwati f'korsijiet MQF Levels 3, 4 u 5 mill-Istitut tat-Turiżmu bejn 2012 u 2022 huma s-segwenti:

| **Sena** | **Numru ta' gradwati** | | |
|---|---|---|---|
| **MQF 3** | **MQF 4** | **MQF 5** | |
| 2011/2 | / | 36 | 25 |
| 2012/3 | 132 | 33 | 33 |
| 2013/4 | 130 | 93 | 40 |
| 2014/5 | 56 | 119 | 24 |
| 2015/6 | 73 | 14 | 26 |
| 2016/7 | 61 | 114 | 36 |
| 2017/8 | 104 | 67 | 32 |
| 2018/9 | 93 | 35 | 18 |
| 2019/20 | 89 | 45 | 10 |
| 2020/1 | 81 | 38 | 25 |
| 2021/2 | 99 | 104 | 27 |

Fl-aħħar sena akkademika ggradwaw ukoll 34 student fil-livell MQF 2.

Seduta 91
22/02/2023

**NSO – RAPPORT FINALI TAĊ-ĊENSIMENT TAL-2021**

**6535. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Fid-dawl li fis-16 ta' Frar 2023 l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ppubblika "L-Ewwel Volum" mir-Rapport Finali taċ-Ċensiment tal-2021, jista' l-Ministru jgħid f'kemm-il volum se jkun jikkonsisti r-Rapport Finali u meta se jiġu ppubblikati?

16/02/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi r-rapport finali ser ikun maqsum fi tliet volumi li ser jiġu mnieda kollha matul din is-sena.

Wara l-ewwel volum li ġie ppubblikat fis-16 ta' Frar li jkopri l-popolazzjoni finali, il-migrazzjoni u karatteristiċi soċjali oħra, iż-żewġ volumi l-oħra mistennija jiġu mnieda għall-ħabta ta' Lulju u Ottubru 2023 rispettivament.

It-tieni volum ser ikun qed jiffoka fuq il-karatteristiċi tad-djar, kemm dawk abitati kif ukoll dawk vakanti, filwaqt li t-tielet volum se jkopri l-karatteristiċi personali kollha miġbura fiċ-Ċensiment, li ma kinux inklużi fl-

ewwel volum. Għaldaqstant, it-tielet volum ser ikun qed jagħti ħarsa lejn aspetti soċjali u demografiċi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, ix-xogħol u l-istat ċivili tal-individwi.

Seduta 91
22/02/2023

**MARSAXLOKK – FLOATING STORAGE UNIT – ĊERTIFIKAZZJONI TAL-JETTY**

**6536. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra ċ-ċertifikazzjoni tal-jetty li jintrabat miegħu l-Floating Storage Unit (Armada LNG Mediterrana) f'Marsaxlokk meta jkun qed iforni l-gass għall-użu tal-power stations?

16/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 91
22/02/2023

**BELT VALLETTA – TRIQ MARSAMXETT – PROĠETT/I TAĦT L-ISKEMA PROJECT GREEN**

**6551. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti u r-renders relattivi għall-proġett/i taħt l-Iskema 'Project Green' li hemm ippjanat li jsir/u għal Triq Marsamxett, il-Belt Valletta?

17/02/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Project Green hija Aġenzija tas-Settur Pubbliku u mhux skema. Ninfurmah ukoll li, fil-preżent, l-aġenzija msemmija m'għandha l-ebda pjanijiet għaż-żona li qed jirreferi għaliha.

Seduta 91
22/02/2023